



*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

**2022/0272(COD)**

30.6.2023

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020  
(COM(2022)0454 – C9-0308/2022 – 2022/0272(COD))

Rapporteur għal opinjoni (\*): Morten Løkkegaard

(\*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta’ Proċedura

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Bħala l-eks Rapporteur għall-opinjoni fil-Kumitat IMCO dwar id-Direttiva NIS2, ir-Rapporteur jara l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika bħala pass kruċjali u naturali li jmiss biex titjeb iċ-ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea. Filwaqt li konxju li skont id-definizzjoni s-sigurta ġibernetika qatt mhi se tkun kompluta 100 fil-mija, ir-Rapporteur huwa tal-opinjoni li huwa importanti li jsir dak kollu li jista' jsir biex jitnaqqas in-numru ta' ħoloq dgħajfa fl-Unjoni tagħna, u għal dan l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika huwa pass li jmiss milqugħ tajjeb. Irridu nżidu ċ-ċibersigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali u prodotti ġoddha oħra bħal apparati tal-Internet tal-oġġetti li saru parti naturali mill-ħajja ta' kuljum tal-konsumaturi u n-negozji Ewropej.

Billi l-Kumitat IMCO huwa responsabbli għall-funzjonament u l-implementazzjoni tas-Suq Uniku, inkluż is-Suq Uniku għall-Kontenut Diġitali, u r-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, ir-Rapporteur fitteż li jintroduċi emendi li għandhom l-għan li jtejbu l-funzjonament tas-suq intern, filwaqt li jipprovd għal livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, spċifikament fir-rigward tar-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà għal prodotti b'elementi diġitali.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur jemmen li xi aspetti tar-Regolament propost jeħtieġu titjib biex jiżguraw ċarezza legali u koerenza bejn id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament propost u biċċiet oħra ta' leġiżlazzjoni. Dan jirrelata b'mod partikolari mad-Direttiva NIS2, ir-Regolament Ġenerali dwar is-Sikurezza tal-Prodotti adottat reċentement, ir-Regolament dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, u r-Regolament dwar il-Makkinarju, kif ukoll għadd ta' atti delegati u ta' implementazzjoni rilevanti. Għalhekk, ir-Rapporteur ippropona emendi li għandhom l-għan li jtejbu ċ-ċarezza legali u jgħinu biex jiżguraw interpretazzjoni u applikazzjoni koerenti, effettiva u konsistenti tal-leġiżlazzjoni imsemmija.

Barra minn hekk, peress li l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju huma atturi ekonomiċi kruċjali fis-suq diġitali, ir-Rapporteur introduċa għadd ta' emendi biex jissimplifika l-proċeduri amministrattivi u jillimita l-piż amministrattiv fuq in-negozji ż-żgħar, mingħajr ma jnaqqas il-livell ta' sikurezza. Barra minn hekk, ir-Rapporteur introduċa emendi li jiżguraw li l-mikrointrapriżi u l-SMEs, se jingħataw gwida u pariri spċifici biex jikkonformaw mar-rekwiżiti fl-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika.

Fl-aħħar nett, ir-Rapporteur introduċa emendi bil-għan li tiġi żgurata komunikazzjoni aktar effiċjenti mal-awtoritajiet kompetenti (awtoritajiet nazzjonali għas-sorveljanza tas-suq, ENISA), kif ukoll li ssaħħa id-dispożizzjonijiet għall-obbligi u l-kompetenzi tal-awtoritajiet rilevanti fir-rigward tal-ilmenti, l-ispezzjonijiet u l-attivitàajiet konġunti. Barra minn hekk, xi emendi mir-Rapporteur jiffokaw fuq it-titjib tar-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà għal komponenti integrati fi prodotti finali b'elementi diġitali, li jispeċifikaw l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi, bħal manifatturi u rappreżentanti awtorizzati.

Ir-Rapporteur itenni l-pożizzjoni li l-introduzzjoni tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika hija pass li jmiss f'waqt u naturali biex tissikka x-xibka madwar it-theddid taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni tagħna. Bl-emendi ssuġġeriti, ir-Rapporteur ipprova jsib il-bilanċ it-tajjeb bejn żewġ elementi: li jiġi żgurat livell akbar ta' ċibersigurtà għall-benefiċju tal-konsumaturi Ewropej u li l-piż fuq il-komunità tan-negozju jkun proporzjonat. Hijha l-ambizzjoni tar-Rapporteur li ċ-ċibersigurtà ssir parametru naturali tal-kompetizzjoni fis-suq intern. Huwa b'dan f'moħħu li r-

Rapporteur iprova jaġġusta l-proposta.

## **EMENDI**

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### **Emenda 1**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 1**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Huwa meħtieġ li l-funzjonament tas-suq intern jittejjeb billi jiġi stabbilit qafas legali uniformi għar-rekwiżiti esenzjali taċ-ċibersigurtà għall-introduzzjoni ta' prodotti b'elementi diġitali fis-suq tal-Unjoni. Jenħtieġ li jiġu indirizzati żewġ problemi ewlenin li jżidu l-kostijiet għall-utenti u għas-soċjetà: livell baxx ta' ċibersigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali, rifless minn vulnerabbiltajiet miffruxa u l-forniment insuffiċjenti u inkonsistenti ta' aġġornamenti tas-sigurtà biex dawn jiġu indirizzati, u fehim u aċċess insuffiċjenti għall-informazzjoni min-naħħa tal-utenti, u dan iżommhom milli jagħżlu prodotti bi proprjetajiet taċ-ċibersigurtà adegwati jew milli jużawhom b'mod sikur.

###### *Emenda*

(1) Huwa meħtieġ li l-funzjonament tas-suq intern jittejjeb, ***filwaqt li jiġi pprovdut livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur u taċ-ċibersigurtà*** billi jiġi stabbilit qafas legali uniformi għar-rekwiżiti esenzjali taċ-ċibersigurtà għall-introduzzjoni ta' prodotti b'elementi diġitali fis-suq tal-Unjoni. Jenħtieġ li jiġu indirizzati żewġ problemi ewlenin li jżidu l-kostijiet għall-utenti u għas-soċjetà: livell baxx ta' ċibersigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali, rifless minn vulnerabbiltajiet miffruxa u l-forniment insuffiċjenti u inkonsistenti ta' aġġornamenti tas-sigurtà biex dawn jiġu indirizzati, u fehim u aċċess insuffiċjenti għall-informazzjoni min-naħħa tal-utenti, u dan iżommhom milli jagħżlu prodotti bi proprjetajiet taċ-ċibersigurtà adegwati jew milli jużawhom b'mod sikur.

### **Emenda 2**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 7**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) F'ċerti kundizzjonijiet, il-prodotti kollha b'elementi diġitali integrati f'sistema akbar ta' informazzjoni elettronika jew konnessi magħha jistgħu jservu bħala vettur ta' attakk għal atturi

###### *Emenda*

(7) F'ċerti kundizzjonijiet, il-prodotti kollha b'elementi diġitali integrati f'sistema akbar ta' informazzjoni elettronika jew konnessi magħha jistgħu jservu bħala vettur ta' attakk għal atturi

malizzjużi. B'riżultat ta' dan, anke l-hardware u s-software meqjusa bħala inqas kritiċi jistgħu jiffaċilitaw il-kompromess inizjali ta' apparat jew ta' network, u dan jippermetti lil atturi malizzjużi jiksbu aċċess privileġġat għal sistema jew jiċċaqilqu lateralment minn naħa għal oħra tas-sistemi. Għalhekk, jenħtieġ li l-manifatturi jiżguraw li l-prodotti b'elementi diġitali kollha li ***jistgħu jiġu konnessi jkunu*** ddisinjati u żviluppati f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan jinkludi kemm il-prodotti li jistgħu jiġu konnessi fīzikament permezz ta' interfaċċi tal-hardware kif ukoll prodotti li huma konnessi b'mod loġiku, bħal permezz ta' sokits tan-network, pajpijet, fajls, interfaċċi għall-iprogrammar tal-applikazzjonijiet jew kwalunkwe tip ieħor ta' interfaċċa tas-software. Peress li t-theddid għaċ-ċibersigurtà jista' jinxtered permezz ta' diversi prodotti b'elementi diġitali qabel ma tintlaħaq ċerta mira, pereżempju billi jingħaqqu flimkien diversi tipi ta' vulnerabbiltà, il-manifatturi jenħtieġ li jiżguraw ukoll iċ-ċibersigurtà ta' dawk il-prodotti li huma biss indirettament konnessi ma' apparati jew networks oħra.

malizzjużi. B'riżultat ta' dan, anke l-hardware u s-software meqjusa bħala inqas kritiċi jistgħu jiffaċilitaw il-kompromess inizjali ta' apparat jew ta' network, u dan jippermetti lil atturi malizzjużi jiksbu aċċess privileġġat għal sistema jew jiċċaqilqu lateralment minn naħa għal oħra tas-sistemi. Għalhekk, jenħtieġ li l-manifatturi jiżguraw li l-prodotti b'elementi diġitali kollha li ***huma konnessi ma' network jew apparat esterni ikunu*** ddisinjati u żviluppati f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan jinkludi kemm il-prodotti li jistgħu jiġu konnessi ***ma' networks jew apparati esterni*** fīzikament permezz ta' interfaċċi tal-hardware kif ukoll prodotti li huma konnessi b'mod loġiku, bħal permezz ta' sokits tan-network, pajpijet, fajls, interfaċċi għall-iprogrammar tal-applikazzjonijiet jew kwalunkwe tip ieħor ta' interfaċċa tas-software. Peress li t-theddid għaċ-ċibersigurtà jista' jinxtered permezz ta' diversi prodotti b'elementi diġitali qabel ma tintlaħaq ċerta mira, pereżempju billi jingħaqqu flimkien diversi tipi ta' vulnerabbiltà, il-manifatturi jenħtieġ li jiżguraw ukoll iċ-ċibersigurtà ta' dawk il-prodotti li huma biss indirettament konnessi ma' apparati jew networks oħra.

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 7a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(7a) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaapplikax għan-networks interni ta' prodott b'elementi diġitali jekk dawn in-networks ikollhom endpoints dedikati u jkunu kompletament iżolati u protetti minn konnessjoni ta' data esterna.**

### Emenda 4

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 7b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(7b) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għal spare parts maħsuba biss biex jissostitwixxu partijiet difettużi ta' prodotti b'elementi digħi, sabiex terġa' tiġi stabilita l-funzjonalità tagħhom.**

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(9) Dan ir-Regolament jiżgura livell ġħoli ta' ċibersigurtà tal-prodotti b'elementi digħi. Ma jirregolax is-servizzi, bħas-Software bħala Servizz (SaaS), **ħlief għal soluzzjonijiet ta' pproċessar ta' data mill-bogħod relatati ma' prodott b'elementi digħi mifhuma bħala kwalunkwe pproċessar ta' data mill-bogħod li għalihi ikun iddisinjat u żviluppat is-software mill-manifattur tal-prodott ikkonċernat jew taħt ir-responsabbiltà ta' dak il-manifattur, u li n-nuqqas tiegħi jipprevjeni tali prodott b'elementi digħi milli jwettaq waħda mill-funzjonijiet tiegħi. Id-[Direttiva XXX/XXXX (NIS2)] tistabbilixxi rekwiżiti ta' rapportar dwar iċ-ċibersigurtà u l-inċidenti għal entitajiet esenzjali u importanti, bħall-infrastruttura kritika, bil-għan li tiżdied ir-reżiljenza tas-servizzi li jipprovdu. Id-[Direttiva XXX/XXXX (NIS2)] tapplika għas-servizzi tal-cloud computing u għall-mudelli tas-servizzi tal-cloud, bħall-SaaS. L-entitajiet kollha li jipprovdu servizzi tal-cloud computing fl-Unjoni li jissodisfaw jew jaqbżu l-limitu għall-intrapriżi ta' daqs medju jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.**

(9) Dan ir-Regolament jiżgura livell ġħoli ta' ċibersigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali. Ma jirregolax is-servizzi, bħas-Software bħala Servizz (SaaS). Id-[Direttiva XXX/XXXX (NIS2)] tistabbilixxi rekwiżiti ta' rapportar dwar iċ-ċibersigurtà u l-inċidenti għal entitajiet esenzjali u importanti, bħall-infrastruttura kritika, bil-għan li tiżdied ir-reżiljenza tas-servizzi li jipprovdu. Id-[Direttiva XXX/XXXX (NIS2)] tapplika għas-servizzi tal-cloud computing u għall-mudelli tas-servizzi tal-cloud, bħall-SaaS. L-entitajiet kollha li jipprovdu servizzi tal-cloud computing fl-Unjoni li jissodisfaw jew jaqbżu l-limitu għall-intrapriżi ta' daqs medju jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

dik id-Direttiva.

## Emenda 6

### Proposta għal regolament

#### Premessa 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Sabiex ma jiġux imfixkla l-innovazzjoni jew ir-riċerka, software libera u b'sors miftuħ żviluppat jew fornuta barra mill-kors ta' attivită kummerċjali ma **għandux ikun** kopert minn dan ir-Regolament. Dan huwa b'mod partikolari l-każ għas-software, inkluż il-kodiċi tas-sors u l-verżjonijiet modifikati tiegħu, li huwa kondiviż b'mod miftuħ u liberament aċċessibbli, li jista' jintuża, u li huwa modifikabbli u ridistribwibbli. **Fil-kuntest tas-software, attivită kummerċjali tista'** tiġi kkaratterizzata mhux biss billi jiġi impost prezzi għal **prodott**, iżda wkoll billi jiġi impost prezzi **għas-servizzi** ta' appoġġ tekniku, billi tiġi pprovduta pjattaforma tas-software li permezz tagħha l-manifattur **ikejjel is-servizzi** l-oħra, jew bl-użu ta' data personali għal raġunijiet għajr eskużiżi għad-diskutti, il-kompatibbiltà jew l-interoperabbiltà tas-software.

*Emenda*

(10) **Software u d-data li jkunu kondiviżi b'mod miftuħ u li l-utenti jista' jkollhom aċċess għalihom, jużawhom, jimmodifikawhom u jqassmuhom mill-ġdid b'mod libera u verżjonijiet modifikati tagħhom jistgħu jikkontribwixxu għar-riċerka u l-innovazzjoni fis-suq. Ir-riċerka mill-Kummissjoni turi li s-software libera u b'sors miftuħ jista' jikkontribwixxi bejn EUR 65 biljun u EUR 95 biljun għall-PDG tal-Unjoni u li jista' jipprovdi opportunitajiet sinifikanti ta' tkabbir għall-ekonomija Ewropea.** Sabiex ma jiġux imfixkla l-innovazzjoni jew ir-riċerka, **jenħtieġ li** software libera u b'sors miftuħ żviluppat jew fornuta barra mill-kors ta' attivită kummerċjali ma **jkunx** kopert minn dan ir-Regolament. Dan huwa b'mod partikolari l-każ għas-software, inkluż il-kodiċi tas-sors u l-verżjonijiet modifikati tiegħu, li huwa kondiviż b'mod miftuħ u liberament aċċessibbli, li jista' jintuża, u li huwa modifikabbli u ridistribwibbli.

**Attivită kummerċjali, li tinfiehem bħala magħmula disponibbli fis-suq, tista' madankollu tkun ikkaratterizzata billi jiġi impost prezzi għal **komponent ta' software libera u b'sors miftuħ**, iżda wkoll minn monetizzazzjoni bħal billi jiġi impost prezzi **għal servizzi** ta' appoġġ tekniku, aġġornamenti ta' software imħallas, sakemm dan ma jservix biss għall-irkupru tal-kostijiet effettivi, billi tiġi pprovduta pjattaforma tas-software li permezz tagħha l-manifattur **jimmonetizza s-servizzi** l-oħra, jew bl-użu ta' data personali għal raġunijiet għajr eskużiżi għad-diskutti, il-kompatibbiltà jew l-interoperabbiltà tas-software.**

software. *Jenħtieġ li la l-iżvilupp kollaborattiv ta' komponenti ta' software liberu u b'sors miftuħ u lanqas it-tqegħid għad-dispożizzjoni tagħhom f'repożitorji miftuħin ma jikkostitwixxu introduzzjoni fis-suq jew tqegħid fis-servizz. Iċ-ċirkostanzi li fihom il-prodott ġie żviluppat, jew kif l-iżvilupp ġie ffinanzjat jenħtieġ li ma jiġux ikkunsidrati meta tiġi ddeterminata n-natura kummerċjali jew mhux kummerċjali ta' dik l-attività. Meta software jkun integrat f'prodott finali b'elementi diġitali li jiġi introdott fis-suq, l-operatur ekonomiku li introduċa l-prodott finali b'elementi diġitali fis-suq jenħtieġ li jkun responsabbi għall-konformità tal-prodott, inkluż tal-komponenti liberi u b'sors miftuħ.*

## Emenda 7

### Proposta għal regolament

#### Premessa 11

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Id-[Direttiva XXX/XXXX (NIS2)] għandha l-għan li tiżgura livell għoli ta' ċibersigurtà tas-servizzi pprovduti minn entitajiet essenzjali u importanti, inklużi l-fornituri tal-infrastruttura diġitali li jappoġġaw il-funzjonijiet ewlenin tal-Internet miftuħ, jiżguraw l-aċċess għall-Internet u s-servizzi tal-Internet. Għalhekk huwa importanti li l-prodotti b'elementi diġitali meħtieġa għall-fornituri tal-infrastruttura diġitali biex jiżguraw il-funzjonament tal-Internet jiġu żviluppati b'mod sikur u li jikkonformaw ma' standards stabbiliti sew tas-sigurtà tal-Internet. Dan ir-Regolament, li japplika għall-prodotti tal-hardware u tas-software kollha **li jistgħu jiġi konnessi**, għandu wkoll l-għan li jiffaċilita l-konformità tal-fornituri tal-infrastruttura diġitali mar-rekwiżiti tal-katina tal-provvista skont id-[Direttiva XXX/XXXX (NIS2)] billi jiżgura li l-prodotti b'elementi diġitali li

##### *Emenda*

(11) Id-[Direttiva XXX/XXXX (NIS2)] għandha l-għan li tiżgura livell għoli ta' ċibersigurtà tas-servizzi pprovduti minn entitajiet essenzjali u importanti, inklużi l-fornituri tal-infrastruttura diġitali li jappoġġaw il-funzjonijiet ewlenin tal-Internet miftuħ, jiżguraw l-aċċess għall-Internet u s-servizzi tal-Internet. Għalhekk huwa importanti li l-prodotti b'elementi diġitali meħtieġa għall-fornituri tal-infrastruttura diġitali biex jiżguraw il-funzjonament tal-Internet jiġu żviluppati b'mod sikur u li jikkonformaw ma' standards stabbiliti sew tas-sigurtà tal-Internet. Dan ir-Regolament, li japplika għall-prodotti tal-hardware u tas-software kollha **konnessi ma' network jew apparat estern**, għandu wkoll l-għan li jiffaċilita l-konformità tal-fornituri tal-infrastruttura diġitali mar-rekwiżiti tal-katina tal-provvista skont id-[Direttiva XXX/XXXX (NIS2)] billi jiżgura li l-prodotti b'elementi

jużaw għall-forniment tas-servizzi tagħhom jiġu żviluppati b'mod sikur u li jkollhom aċċess f'waqtu għal aġġornamenti tas-sigurtà għal tali prodotti.

diġitali li jużaw għall-forniment tas-servizzi tagħhom jiġu żviluppati b'mod sikur u li jkollhom aċċess f'waqtu għal aġġornamenti tas-sigurtà għal tali prodotti.

## Emenda 8

### Proposta għal regolament

#### Premessa 15

*Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Ir-Regolament Delegat (UE) 2022/30 jispeċifika li r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 3(3), il-punt (d) (il-ħsara lin-network u l-użu ħażin tar-riżorsi tan-network), il-punt (e) (id-data personali u l-privatezza) u l-punt (f) (il-frodi) tad-Direttiva 2014/53/UE japplikaw għal ċertu tagħmir tar-radju. Id-[Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni XXX/2022 dwar talba ta' standardizzazzjoni lill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni] tistabbilixxi rekwiżiti għall-iżvilupp ta' standards speċifiċi li jkomplu jispeċifikaw kif dawn it-tliet rekwiżiti essenzjali għandhom jiġu indirizzati. Ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti minn dan ir-Regolament jinkludu l-elementi kollha tar-rekwiżiti essenzjali msemija fl-Artikolu 3(3), il-punti (d), (e) u (f) tad-Direttiva 2014/53/UE. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti f'dan ir-Regolament huma allinjati mal-objettivi tar-rekwiżiti għal standards speċifiċi inklużi f'dik it-talba ta' standardizzazzjoni. Għalhekk, **jekk il-Kummissjoni tħassar jew-temenda r-Regolament** Delegat (UE) 2022/30 bil-konsegwenza li ma jibqax japplika għal ċerti prodotti soġġetti għal dan ir-Regolament, il-Kummissjoni u l-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni jenħtieġ li jqisu l-ħidma ta' standardizzazzjoni mwettqa fil-kuntest tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni C(2022)5637 dwar talba ta' standardizzazzjoni għar-Regolament

*Emenda*

(15) Ir-Regolament Delegat (UE) 2022/30 jispeċifika li r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 3(3), il-punt (d) (il-ħsara lin-network u l-użu ħażin tar-riżorsi tan-network), il-punt (e) (id-data personali u l-privatezza) u l-punt (f) (il-frodi) tad-Direttiva 2014/53/UE japplikaw għal ċertu tagħmir tar-radju. Id-[Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni XXX/2022 dwar talba ta' standardizzazzjoni lill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni] tistabbilixxi rekwiżiti għall-iżvilupp ta' standards speċifiċi li jkomplu jispeċifikaw kif dawn it-tliet rekwiżiti essenzjali għandhom jiġu indirizzati. Ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti minn dan ir-Regolament jinkludu l-elementi kollha tar-rekwiżiti essenzjali msemija fl-Artikolu 3(3), il-punti (d), (e) u (f) tad-Direttiva 2014/53/UE. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti f'dan ir-Regolament huma allinjati mal-objettivi tar-rekwiżiti għal standards speċifiċi inklużi f'dik it-talba ta' standardizzazzjoni. Għalhekk, **meta l-Kummissjoni tħassar ir-Regolament** Delegat (UE) 2022/30 bil-konsegwenza li ma jibqax japplika għal ċerti prodotti soġġetti għal dan ir-Regolament, il-Kummissjoni u l-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni jenħtieġ li jqisu l-ħidma ta' standardizzazzjoni mwettqa fil-kuntest tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni C(2022)5637 dwar talba ta' standardizzazzjoni għar-Regolament

Delegat RED 2022/30 fit-tħejjija u l-iżvilupp ta' standards armonizzati biex tīgi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Delegat RED 2022/30 fit-tħejjija u l-iżvilupp ta' standards armonizzati biex tīgi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 18a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(18a) Sabiex jiġi żgurat li l-iżviluppaturi individwali jew mikro tas-software kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE ma jħabbtux wiċċhom ma' ostakli finanzjarji magħġuri u ma jiġux skoraġġuti milli jittestjaw il-prova tal-kunċett, kif ukoll l-argument għall-vijabbiltà fis-suq, dawn l-entitajiet għandhom ikunu obbligati jagħmlu l-aħjar sforzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti f'din il-proposta matul i-sitt xhur mill-introduzzjoni tas software fis-suq. Dan ir-reġim speċjali jenħtieġ li jipprevjeni l-effett dissważiv ta' konformità għolja u spejjeż ta' dħul li jista' jkollhom fuq intraprendituri jew individwi tas-sengħa li jikkunsidraw li jiżviluppaw software fl-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li dan ir-reġim speċjali ma japplikax għal prodotti kritiċi ħafna b'elementi diġitali.*

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 19

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(19) Jenħtieġ li ċerti kompiti previsti minn dan ir-Regolament jitwettqu mill-ENISA, f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2019/881. B'mod partikolari, l-ENISA jenħtieġ li tirċievi

(19) Jenħtieġ li ċerti kompiti previsti minn dan ir-Regolament jitwettqu mill-ENISA, f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2019/881. B'mod partikolari, l-ENISA jenħtieġ li tirċievi

notifikasi mill-manifatturi ta' vulnerabbiltajiet sfruttati b'mod attiv li jinsabu fi prodotti b'elementi diġitali, kif ukoll inċidenti li jkollhom impatt fuq is-sigurtà ta' dawk il-prodotti. Jenħtieġ li l-ENISA tħaddi wkoll dawn in-notifikasi lill-Iskwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRTs) rilevanti jew, rispettivament, lill-punti uniċi ta' kuntatt rilevanti tal-Istati Membri maħtura f'konformità mal-Artikolu [l-Artikolu X] tad-Direttiva [id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)], u tinforma lill-awtoritajiet rilevanti tas-sorveljanza tas-suq dwar il-vulnerabbiltà **nnotifikata**. Abbażi tal-informazzjoni li tigħor, l-ENISA jenħtieġ li tħejji rapport tekniku biennali dwar ix-xejriet emerġenti fir-rigward tar-riskji għaż-ċibersigurtà fil-prodotti b'elementi diġitali u tippreżentah lill-Grupp ta' Kooperazzjoni msemmi fid-Direttiva [id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)]. Barra minn hekk, meta jitqiesu l-għarfien espert u l-mandat tagħha, l-ENISA jenħtieġ li tkun tista' tappoġġa l-proċess għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, jenħtieġ li tkun tista' tiproponi attivitajiet konġunti li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq abbażi ta' indikazzjonijiet jew informazzjoni dwar nuqqas potenzjali ta' konformità ma' dan ir-Regolament ta' prodotti b'elementi diġitali f'diversi Stati Membri jew tidentifika kategoriji ta' prodotti li għalihom jenħtieġ li jiġi organizzati azzjonijiet ta' kontroll ikkoordinati simultanjament. F'ċirkostanzi eċċeżżjonali, fuq talba tal-Kummissjoni, l-ENISA jenħtieġ li tkun tista' twettaq evalwazzjonijiet fir-rigward ta' prodotti speċifiċi b'elementi diġitali li jippreżentaw riskju sinifikanti għaż-ċibersigurtà, fejn ikun meħtieġ intervent immedja biex jiġi ppreservat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

notifikasi mill-manifatturi, **permezz ta' twissija bikrija**, ta' vulnerabbiltajiet sfruttati b'mod attiv li jinsabu fi prodotti b'elementi diġitali, kif ukoll inċidenti li jkollhom impatt fuq is-sigurtà ta' dawk il-prodotti. Jenħtieġ li l-ENISA tħaddi wkoll dawn in-notifikasi lill-Iskwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRTs) rilevanti jew, rispettivament, lill-punti uniċi ta' kuntatt rilevanti tal-Istati Membri maħtura f'konformità mal-Artikolu [l-Artikolu X] tad-Direttiva [id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)], u **immedjatamente** tinforma lill-awtoritajiet rilevanti tas-sorveljanza tas-suq dwar **l-eżistenza ta' vulnerabbiltà u, fejn applikabbli, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju potenzjali**. Meta vulnerabbiltà **nnotifikata ma jkollha ebda miżura korrettiva** jew ta' **mitigazzjoni disponibbli, jenħtieġ li l-ENISA tiżgura li l-informazzjoni dwar il-vulnerabbiltà notifikata tiġi kondiżiża f'konformità mal-protokolli ta' sigurtà stretti u fuq bażi ta' htiegħ ta' tagħrif**. Abbażi tal-informazzjoni li tigħor, l-ENISA jenħtieġ li tħejji rapport tekniku biennali dwar ix-xejriet emerġenti fir-rigward tar-riskji għaż-ċibersigurtà fil-prodotti b'elementi diġitali u tippreżentah lill-Grupp ta' Kooperazzjoni msemmi fid-Direttiva [id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)]. Barra minn hekk, meta jitqiesu l-għarfien espert u l-mandat tagħha, l-ENISA jenħtieġ li tkun tista' tappoġġa l-proċess għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, jenħtieġ li tkun tista' tiproponi attivitajiet konġunti li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq abbażi ta' indikazzjonijiet jew informazzjoni dwar nuqqas potenzjali ta' konformità ma' dan ir-Regolament ta' prodotti b'elementi diġitali f'diversi Stati Membri jew tidentifika kategoriji ta' prodotti li għalihom jenħtieġ li jiġi organizzati azzjonijiet ta' kontroll ikkoordinati simultanjament. F'ċirkostanzi eċċeżżjonali, fuq talba tal-Kummissjoni, l-ENISA

jenħtieġ li tkun tista' twettaq evalwazzjonijiet fir-rigward ta' prodotti speċifiċi b'elementi diġitali li jippreżentaw riskju sinifikanti għaċ-ċibersigurtà, fejn ikun meħtieġ intervent immedjat biex jiġi ppreservat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

## Emenda 11

### Proposta għal regolament

#### Premessa 20

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20) Jenħtieġ li l-prodotti b'elementi diġitali jkollhom il-markatura CE sabiex jindikaw il-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament b'tali mod li jkunu jistgħu jiċċaqilqu liberament fis-suq intern. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma joħolqux ostakli mhux ġustifikati għall-introduzzjoni fis-suq jew fis-servizz ta' prodotti b'elementi diġitali li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u jkollhom il-markatura CE fuqhom.

##### *Emenda*

(20) Jenħtieġ li l-prodotti b'elementi diġitali jkollhom il-markatura CE sabiex jindikaw **b'mod viżibbli, leġġibbli u li ma titħassarx** il-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament b'tali mod li jkunu jistgħu jiċċaqilqu liberament fis-suq intern. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma joħolqux ostakli mhux ġustifikati għall-introduzzjoni fis-suq jew fis-servizz ta' prodotti b'elementi diġitali li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u jkollhom il-markatura CE fuqhom.

## Emenda 12

### Proposta għal regolament

#### Premessa 22

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Sabiex jiġi żgurat li l-prodotti b'elementi diġitali, meta jiġu introdotti fis-suq, ma joħolqux riskji għaċ-ċibersigurtà tal-persuni u l-organizzazzjonijiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti essenzjali għal tali prodotti. Meta l-prodotti jiġu mmodifikati sussegwentement, b'mezzi fizċi jew diġitali, b'mod li ma jkunx previst mill-manifattur u li jista' jimplika li ma għadhomx jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali, jenħtieġ li l-modifika titqies

##### *Emenda*

(22) Sabiex jiġi żgurat li l-prodotti b'elementi diġitali, meta jiġu introdotti fis-suq, ma joħolqux riskji għaċ-ċibersigurtà tal-persuni u l-organizzazzjonijiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti essenzjali għal tali prodotti. Meta l-prodotti jiġu mmodifikati sussegwentement, b'mezzi fizċi jew diġitali, b'mod li ma jkunx previst mill-manifattur u li jista' jimplika li ma għadhomx jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali, jenħtieġ li l-modifika titqies

bħala sostanzjali. Pereżempju, l-aġġornamenti jew it-tiswijiet tas-software jistgħu jiġu assimilati mal-operazzjonijiet ta' manutenzjoni dment li ma jimmodifikawx prodott li jkun diġà ġie introdott fis-suq b'tali mod li l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli tista' tīgi affettwata, jew li l-użu maħsub li għalih ikun ġie vvalutat il-prodott jaf jinbidel. Bħal fil-każ ta' tiswijiet jew modifikasi fizċi, prodott b'elementi diġitali jenħtieġ li jitqies bħala modifikat sostanzjalment minn bidla fis-software meta l-aġġornament tas-software jimmodifika l-funzjonijiet, it-tip jew il-prestazzjoni oriġinali maħsuba tal-prodott u dawn il-bidliet ma kinux previsti mill-valutazzjoni tar-riskju inizjali, jew in-natura tal-periklu tkun inbidlet jew il-livell ta' riskju jkun żdied minħabba l-aġġornament tas-software.

bħala sostanzjali. Pereżempju, l-aġġornamenti jew it-tiswijiet tas-software ***bħal aġġustament minuri tal-kodiċi tas-sors li jista' jtejjeb is-sigurtà u l-funzjonament***, jistgħu jiġu assimilati mal-operazzjonijiet ta' manutenzjoni dment li ma jimmodifikawx prodott li jkun diġà ġie introdott fis-suq b'tali mod li l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli tista' tīgi affettwata, jew li l-użu maħsub li għalih ikun ġie vvalutat il-prodott jaf jinbidel. Bħal fil-każ ta' tiswijiet jew modifikasi fizċi, prodott b'elementi diġitali jenħtieġ li jitqies bħala modifikat sostanzjalment minn bidla fis-software meta l-aġġornament tas-software jimmodifika l-funzjonijiet, it-tip jew il-prestazzjoni oriġinali maħsuba tal-prodott u dawn il-bidliet ma kinux previsti mill-valutazzjoni tar-riskju inizjali, jew in-natura tal-periklu tkun inbidlet jew il-livell ta' riskju jkun żdied minħabba l-aġġornament tas-software.

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Premessa 23

*Test propost mill-Kummissjoni*

(23) F'konformità mal-kunċett stabbilit b'mod komuni ta' modifikasi sostanzjali għall-prodotti rregolati mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, kull meta sseħħ modifikasi sostanzjali li jaf taffettwa l-konformità ta' prodott ma' dan ir-Regolament jew meta jinbidel l-iskop maħsub ta' dak il-prodott, huwa xieraq li l-konformità tal-prodott b'elementi diġitali tīgi vverifikata u li, fejn applikabbli, ***din tgħaddi minn valutazzjoni*** tal-konformità ***ġdida***. Fejn applikabbli, jekk il-manifattur iwettaq valutazzjoni tal-konformità li tinvolvi parti terza, il-bidliet li jistgħu jwasslu għal modifikasi sostanzjali jenħtieġ li jiġi notifikati lill-parti terza. ***Jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-konformità sussegwenti tindirizza l-bidliet li jwasslu għall-***

*Emenda*

(23) F'konformità mal-kunċett stabbilit b'mod komuni ta' modifikasi sostanzjali għall-prodotti rregolati mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, kull meta sseħħ modifikasi sostanzjali li jaf taffettwa l-konformità ta' prodott ma' dan ir-Regolament jew meta jinbidel l-iskop maħsub ta' dak il-prodott, huwa xieraq li l-konformità tal-prodott b'elementi diġitali tīgi vverifikata u li, fejn applikabbli, ***il-valutazzjoni*** tal-konformità ***tīgi aġġornata***. Fejn applikabbli, jekk il-manifattur iwettaq valutazzjoni tal-konformità li tinvolvi parti terza, il-bidliet li jistgħu jwasslu għal modifikasi sostanzjali jenħtieġ li jiġi notifikati lill-parti terza. ***Jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-konformità sussegwenti tindirizza l-bidliet li jwasslu għall-***

*valutazzjoni l-ġdida, sakemm dawn il-bidliet ma jkollhomx impatt sinifikanti fuq il-konformità ta' partijiet oħra tal-prodott. Meta jiġu implementati aġġornamenti tas-software, jenħtieġ li l-manifattur ma jkunx meħtieġ li jwettaq valutazzjoni tal-konformità oħra tal-prodott b'elementi diġitali, sakemm l-aġġornamenti tas-software ma jirriżultax f'modifika sostanzjali tal-prodott b'elementi diġitali.*

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Premessa 24a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(24a) Jenħtieġ li l-manifatturi tal-prodotti b'elementi diġitali jiżguraw li l-aġġornamenti tas-software jiġu pprovduti b'mod ċar u trasparenti u li jiddistingu b'mod ċar bejn aġġornamenti tas-sigurtà u dawk tal-funzjonalità. Filwaqt li l-aġġornamenti tas-sigurtà jiġu ddisinjati biex inaqqsu l-livell ta' riskju ta' prodott b'elementi diġitali, l-assorbiment tal-aġġornamenti tal-funzjonalità pprovduti mill-manifattur jenħtieġ li jibqgħu dejjem għażla tal-utent. Għalhekk jenħtieġ li l-manifatturi jiiprovdū dawn l-aġġornamenti b'mod separat, sakemm ma jkunx imposibbli li jsiru għal raġunijiet tekniċi. Jenħtieġ li l-manifatturi jiiprovdū informazzjoni adegwata lill-konsumaturi dwar ir-raġunijiet għal kull aġġornament u l-impatt previst tiegħu fuq il-prodott, kif ukoll mekkaniżmu ta' esklużjoni fakultattiv ċar u faċċi biex jintuża.*

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Premessa 25

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(25) Jenħtieġ li l-prodotti b'elementi diġitali jitqiesu kritiċi jekk l-impatt negattiv tal-isfruttament tal-vulnerabbiltajiet potenzjali taċ-ċibersigurtà fil-prodott ikun serju minħabba, fost l-oħrajn, il-funzjonalità relatata maċ-ċibersigurtà, jew l-użu maħsub. B'mod partikolari, il-vulnerabbiltajiet fi prodotti b'elementi diġitali li għandhom funzjonalità relatata maċ-ċibersigurtà, bħal elementi siguri, jistgħu jwasslu għal propagazzjoni ta' kwistjonijiet ta' sigurtà tul il-katina tal-provvista. Is-severità tal-impatt ta' inċident taċ-ċibersigurtà tista' tiżdied ukoll meta jitqies l-użu maħsub tal-prodott, ***bħal f'ambjent industrijali*** jew fil-kuntest ta' entità essenzjali tat-tip imsemmi fl-Anness [l-Anness I] għad-Direttiva [id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)], jew għat-twettiq ta' funzjonijiet kritiċi jew sensittivi, bħall-ipproċessar ta' data personali.

### *Emenda*

(25) Jenħtieġ li l-prodotti b'elementi diġitali jitqiesu kritiċi jekk l-impatt negattiv tal-isfruttament tal-vulnerabbiltajiet potenzjali taċ-ċibersigurtà fil-prodott ikun serju minħabba, fost l-oħrajn, il-funzjonalità relatata maċ-ċibersigurtà, jew l-użu maħsub. B'mod partikolari, il-vulnerabbiltajiet fi prodotti b'elementi diġitali li għandhom funzjonalità relatata maċ-ċibersigurtà, bħal elementi siguri, jistgħu jwasslu għal propagazzjoni ta' kwistjonijiet ta' sigurtà tul il-katina tal-provvista. Is-severità tal-impatt ta' inċident taċ-ċibersigurtà tista' tiżdied ukoll meta jitqies l-użu maħsub tal-prodott ***f'applikazzjonijiet kritiċi f'ambjenti sensittivi*** jew fil-kuntest ta' entità essenzjali tat-tip imsemmi fl-Anness [l-Anness I] għad-Direttiva [id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)], jew għat-twettiq ta' funzjonijiet kritiċi jew sensittivi, bħall-ipproċessar ta' data personali.

## **Emenda 16**

### **Proposta għal regolament Premessa 26**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(26) ***Il-prodotti*** kritiċi b'elementi diġitali ***għandhom ikunu*** soġġetti għal proċeduri aktar stretti ta' valutazzjoni tal-konformità, filwaqt li jinżamm approċċ proporzjonat. Għal dan il-għan, il-prodotti kritiċi b'elementi diġitali jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ klassijiet, li jirriflettu l-livell ta' riskju għaċ-ċibersigurtà marbut ma' dawn il-kategoriji ta' prodotti. Incident ċibernetiku potenzjali li jinvolvi prodotti fil-klassi II jaf iwassal għal impatti negattivi akbar minn inċidenti li jinvolvi prodotti fil-klassi I, pereżempju minħabba n-natura tal-funzjoni tagħhom relatata maċ-ċibersigurtà jew l-użu maħsub f'ambjenti

### *Emenda*

(26) ***Jenħtieġ li l-prodotti*** kritiċi b'elementi diġitali ***jkunu*** soġġetti għal proċeduri aktar stretti ta' valutazzjoni tal-konformità, filwaqt li jinżamm approċċ proporzjonat. Għal dan il-għan, il-prodotti kritiċi b'elementi diġitali jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ klassijiet, li jirriflettu l-livell ta' riskju għaċ-ċibersigurtà marbut ma' dawn il-kategoriji ta' prodotti. Incident ċibernetiku potenzjali li jinvolvi prodotti fil-klassi II jaf iwassal għal impatti negattivi akbar minn inċidenti li jinvolvi prodotti fil-klassi I, pereżempju minħabba n-natura tal-funzjoni tagħhom relatata maċ-ċibersigurtà jew l-użu maħsub f'ambjenti

sensittivi, u għalhekk jenħtieġ li jgħaddu minn proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità aktar stretta.

sensittivi, u għalhekk jenħtieġ li jgħaddu minn proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità aktar stretta. **B'eċċeżżjoni, intraprijiżi żgħar u mikro jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw il-proċedura msemmija fl-Artikolu 24(2).**

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Premessa 29

*Test propost mill-Kummissjoni*

(29) Il-prodotti b'elementi diġitali kklassifikati bħala sistemi tal-IA b'riskju kbir skont l-Artikolu 6 tar-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA] li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti f'dan ir-Regolament. Meta dawk is-sistemi tal-IA b'riskju kbir jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitqiesu konformi mar-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà stabbiliti fl-Artikolu [l-Artikolu 15] tar-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA] sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti mid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE jew partijiet minnha maħruġa skont dan ir-Regolament. Firrigward tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità relatati mar-rekwiżiti essenzjali taċ-ċibersigurtà ta' prodott b'elementi diġitali kopert minn dan ir-Regolament u kklassifikat bħala sistema tal-IA b'riskju kbir, id-dispożizzjonijiet rilevanti **tal-Artikolu 43** tar-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA] jenħtieġ li japplikaw bħala regola minflok id-dispożizzjonijiet rispettivi ta' dan ir-Regolament. **Madankollu**, jenħtieġ li din ir-regola **ma tirriżultax fit-tnejjix tal-livell meħtieġ** ta' assigurazzjoni għal prodotti kritiċi b'elementi diġitali koperti minn dan ir-Regolament. **Għalhekk, b'deroga minn din ir-regola**, sistemi ta' IA b'riskju kbir li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA] u li

*Emenda*

(29) Il-prodotti b'elementi diġitali **jew il-prodotti parżjalment kompluti b'elementi diġitali** kklassifikati bħala sistemi tal-IA b'riskju kbir skont l-Artikolu 6 tar-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA] li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti f'dan ir-Regolament. Meta dawk is-sistemi tal-IA b'riskju kbir jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitqiesu konformi mar-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà stabbiliti fl-Artikolu [l-Artikolu 15] tar-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA] sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti mid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE jew partijiet minnha maħruġa skont dan ir-Regolament. Firrigward tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità relatati mar-rekwiżiti essenzjali taċ-ċibersigurtà ta' prodott b'elementi diġitali kopert minn dan ir-Regolament u kklassifikat bħala sistema tal-IA b'riskju kbir, id-dispożizzjonijiet rilevanti **id-dispożizzjonijiet applikabbi]** tar-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA] jenħtieġ li japplikaw bħala regola minflok id-dispożizzjonijiet rispettivi ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li din ir-regola **toħloq livell għoli** ta' assigurazzjoni għal prodotti kritiċi b'elementi diġitali koperti minn dan ir-Regolament. **Għal** sistemi ta' IA **ta' riskju għoli** li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament [ir-

huma kkwalifikati wkoll bħala prodotti kritiċi b'elementi diġitali skont dan ir-Regolament ***u li għalihom tapplika l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità bbażata fuq il-kontroll intern imsemmija fl-Anness VI tar-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA]***, jenħtieġ li ***jkunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-konformità ta'*** dan ir-Regolament ***sa fejn ikunu kkonċernati rekwiżiti essenzjali ta' dan ir-Regolament.*** F'dan il-każ, għall-aspetti l-oħrajn kollha koperti mir-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA] jenħtieġ li ***japplikaw id-dispożizzjonijiet rispettivi dwar il-valutazzjoni tal-konformità abbażi tal-kontroll intern stabilit fl-Anness VI tar-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA].***

---

<sup>27</sup> Regolament [ir-Regolament dwar l-IA].

Regolament dwar l-IA] u li huma kkwalifikati wkoll bħala prodotti kritiċi b'elementi diġitali skont dan ir-Regolament, ***il-korp notifikat settorjali responsabbi*** jenħtieġ li ***jkun responsabbi biex iwettaq il-valutazzjoni tal-konformità skont*** dan ir-Regolament ***u jmexxi l-proċess amministrattiv sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jindirizzaw it-talba tagħhom għall-valutazzjoni tal-konformità *lil korp regolatorju uniku.****

---

<sup>27</sup> Regolament [ir-Regolament dwar l-IA].

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Premessa 32

*Test propost mill-Kummissjoni*

(32) Sabiex jiġi żgurat li l-prodotti b'elementi diġitali jkunu siguri kemm filmument li jiġu introdotti fis-suq kif ukoll matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti essenzjali għall-ġestjoni tal-vulnerabbiltà u rekwiżiti essenzjali taċ-ċibersigurtà relatati mal-proprietajiet tal-prodotti b'elementi diġitali. Filwaqt li l-manifatturi jenħtieġ li jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali kollha relatati mal-immaniġġar tal-vulnerabbiltà u jiżguraw li l-prodotti kollha tagħhom jiġu kkonsenjati mingħajr vulnerabbiltajiet li jistgħu jiġu sfruttati, jenħtieġ li huma jiddeterminaw liema rekwiżiti essenzjali oħra relatati mal-proprietajiet tal-prodott huma rilevanti għat-tip ta' prodott ikkonċernat. Għal dan il-ġhan, jenħtieġ li l-manifatturi jwettqu

*Emenda*

(32) Sabiex jiġi żgurat li l-prodotti b'elementi diġitali jkunu siguri kemm filmument li jiġu introdotti fis-suq kif ukoll matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti essenzjali għall-ġestjoni tal-vulnerabbiltà u rekwiżiti essenzjali taċ-ċibersigurtà relatati mal-proprietajiet tal-prodotti b'elementi diġitali. Filwaqt li l-manifatturi jenħtieġ li jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali kollha relatati mal-immaniġġar tal-vulnerabbiltà u jiżguraw li l-prodotti kollha tagħhom jiġu kkonsenjati mingħajr vulnerabbiltajiet li jistgħu jiġu sfruttati, jenħtieġ li huma jiddeterminaw liema rekwiżiti essenzjali oħra relatati mal-proprietajiet tal-prodott huma rilevanti għat-tip ta' prodott ikkonċernat. Għal dan il-ġhan, jenħtieġ li l-manifatturi jwettqu

valutazzjoni tar-riskji għaċ-ċibersigurtà assoċjati ma' prodott b'elementi diġitali biex jidtifikaw ir-riskji rilevanti u r-rekwiżiti essenzjali rilevanti u sabiex japplikaw b'mod xieraq standards armonizzati *jew speċifikazzjonijiet komuni* xierqa.

valutazzjoni tar-riskji għaċ-ċibersigurtà assoċjati ma' prodott b'elementi diġitali biex jidtifikaw ir-riskji rilevanti u r-rekwiżiti essenzjali rilevanti u sabiex japplikaw b'mod xieraq standards armonizzati xierqa.

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Premessa 33a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(33a) *Sabiex jiġi żgurat li l-prodotti jiġu ddisinjati, żviluppati u prodotti f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali previsti fit-Taqsima 1 tal-Anness I, jenħtieġ li l-manifatturi jeżerċitaw diliġenza dovuta meta jintegraw komponenti miksuba minn partijiet terzi fi prodotti b'elementi diġitali. Dan huwa l-każ għall-komponenti adattati għall-ispeċifiċitajiet tal-prodott u integrati magħhom, b'mod partikolari fil-każ ta' software liberu u b'sors miftuħ li ma ġiex introdott fis-suq bi skambju għall-monetizzazzjoni finanzjarja jew tip ieħor ta' monetizzazzjoni.*

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Premessa 34

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(34) Biex jiġi żgurat li s-CSIRTs nazzjonali u l-punti uniċi ta' kuntatt maħtura f'konformità mal-Artikolu [l-Artikolu X] tad-Direttiva [id-Direttiva XX/XXXX (NIS2)] jiġu pprovduti bl-informazzjoni meħtieġa biex iwettqu l-kompeti tagħhom u jgħollu l-livell ġenerali taċ-ċibersigurtà ta' entitajiet

(34) Biex jiġi żgurat li s-CSIRTs nazzjonali u l-punti uniċi ta' kuntatt maħtura f'konformità mal-Artikolu [l-Artikolu X] tad-Direttiva [id-Direttiva XX/XXXX (NIS2)] jiġu pprovduti bl-informazzjoni meħtieġa biex iwettqu l-kompeti tagħhom u jgħollu l-livell ġenerali taċ-ċibersigurtà ta' entitajiet

essenziali u importanti, u biex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, il-manifatturi ta' prodotti b'elementi diġitali jenħtieġ li jinnotifikaw lill-ENISA dwar vulnerabbiltajiet li qed jiġu sfruttati b'mod attiv. Peress li l-biċċa l-kbira tal-prodotti b'elementi diġitali huma kkummerċjalizzati fis-suq intern kollu, kwalunkwe vulnerabbiltà sfruttata fi prodott b'elementi diġitali jenħtieġ li titqies bħala theddida għall-funzjonament tas-suq intern. ***Il-manifatturi għandhom*** jikkunsidraw ukoll id-divulgazzjoni tal-vulnerabbiltajiet fissi għall-bażi tad-data Ewropea dwar il-vulnerabbiltà stabbilita skont id-Direttiva [id-Direttiva XX/XXXX (NIS2)] u ġestita mill-ENISA jew kwalunkwe bażi tad-data oħra dwar il-vulnerabbiltà aċċessibbli għall-pubbliku.

essenziali u importanti, u biex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, il-manifatturi ta' prodotti b'elementi diġitali jenħtieġ li jinnotifikaw lill-ENISA, ***mingħajr dewmien żejjed u fī kwalunkwe każżi fi żmien 48 siegħa minn meta tkun saret konxja minnu, permezz ta' twissija bikrija,*** dwar vulnerabbiltajiet li qed jiġu sfruttati b'mod attiv. ***Jenħtieġ li l-manifatturi, mingħajr dewmien żejjed, meta jsiru konxji tal-vulnerabbiltà sfruttata li jkollha impatt sinifikanti fuq is-sigurta tal-prodott b'elementi diġitali jinnotifika wkoll lill-ENISA b'aktar dettalji dwar il-vulnerabbiltà sfruttata. Il-vulnerabbiltajiet l-oħra kollha li ma jkollhomx impatt sinifikanti fuq is-sigurta tal-prodott b'elementi diġitali jenħtieġ li jiġu nnotifikati lill-ENISA ladarba l-vulnerabbiltà tkun ġiet indirizzata.*** Peress li l-biċċa l-kbira tal-prodotti b'elementi diġitali huma kkummerċjalizzati fis-suq intern kollu, kwalunkwe vulnerabbiltà sfruttata fi prodott b'elementi diġitali jenħtieġ li titqies bħala theddida għall-funzjonament tas-suq intern. ***Jenħtieġ li l-manifatturi*** jikkunsidraw ukoll id-divulgazzjoni tal-vulnerabbiltajiet fissi għall-bażi tad-data Ewropea dwar il-vulnerabbiltà stabbilita skont id-Direttiva [id-Direttiva XX/XXXX (NIS2)] u ġestita mill-ENISA jew kwalunkwe bażi tad-data oħra dwar il-vulnerabbiltà aċċessibbli għall-pubbliku.

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Premessa 34a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(34a) Jenħtieġ li l-ENISA tkun responsabbi għall-pubblikazzjoni u ż-żamma ta' bażi tad-data ta' vulnerabbiltajiet sfruttati magħrufa. Jenħtieġ li l-manifatturi jimmonitorjaw il-**

*bażi tad-data u jinnotifikaw dwar il-vulnerabbiltajiet li jinsabu fil-prodotti tagħhom.*

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Premessa 35

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(35) Il-manifatturi jenħtieġ li jirrapportaw ukoll kwalunkwe inċident li jkollu impatt fuq is-sigurtà tal-prodott b'elementi diġitali lill-ENISA. Minkejja l-obbligi ta' rapportar tal-inċidenti fid-Direttiva [id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)] għal entitajiet essenzjali u importanti, huwa kruċjali li l-ENISA, il-punti uniċi ta' kuntatt maħtura mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu [l-Artikolu X] tad-Direttiva [id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)] u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jirċievu informazzjoni mill-manifatturi ta' prodotti b'elementi diġitali li tippermettilhom jivvalutaw is-sigurtà ta' dawn il-prodotti. Sabiex jiġi żgurat li l-utenti jkunu jistgħu jirreaġixxu malajr għal inċidenti li jkollhom impatt fuq is-sigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali tagħhom, jenħtieġ li l-manifatturi jinfurmaw ukoll lill-utenti tagħhom dwar kwalunkwe inċident bħal dan u, fejn applikabbi, dwar kwalunkwe miżura korrettiva li l-utenti jistgħu jużaw biex itaffu l-impatt tal-inċident, pereżempju billi jippubblikaw informazzjoni rilevanti fuq is-siti web tagħhom jew, fejn il-manifattur ikun jista' jikkuntattja lill-utenti u fejn ikun iġġustifikat mir-riskji, billi jilħaq direttament lill-utenti.

#### *Emenda*

(35) Il-manifatturi jenħtieġ li jirrapportaw ukoll, **permezz ta' twissija bikrija**, kwalunkwe inċident li jkollu impatt **sinifikanti** fuq is-sigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali lill-ENISA. **Jenħtieġ li l-manifatturi, mingħajr dewmien żejjed, u fi kwalunkwe każži fi żmien 72 siegħa minn meta jsiru konxji tal-inċident sinifikanti relatat mal-prodott b'elementi diġitali jinnotifikaw ukoll lill-ENISA b'aktar dettalji dwar l-inċident sinifikanti.** Minkejja l-obbligi ta' rapportar tal-inċidenti fid-Direttiva [id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)] għal entitajiet essenzjali u importanti, huwa kruċjali li l-ENISA, il-punti uniċi ta' kuntatt maħtura mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu [l-Artikolu X] tad-Direttiva [id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)] u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jirċievu informazzjoni mill-manifatturi ta' prodotti b'elementi diġitali li tippermettilhom jivvalutaw is-sigurtà ta' dawn il-prodotti. Sabiex jiġi żgurat li l-utenti jkunu jistgħu jirreaġixxu malajr għal inċidenti li jkollhom impatt fuq is-sigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali tagħhom, jenħtieġ li l-manifatturi jinfurmaw ukoll lill-utenti tagħhom dwar kwalunkwe inċident bħal dan u, fejn **xieraq u jekk aktarx li jkun affettwat minnu b'mod negativ, u fejn** applikabbi, dwar **il-mitigazzjoni tar-riskju u** kwalunkwe miżura korrettiva li l-utenti jistgħu jużaw biex itaffu l-impatt tal-inċident **sinifikanti**, pereżempju billi jippubblikaw informazzjoni rilevanti fuq is-siti web

tagħhom jew, fejn il-manifattur ikun jista' jikkuntattja lill-utenti u fejn ikun iġġustifikat mir-riskji, billi jilħaq direttament lill-utenti. **Mingħajr preġudizzju għal obbligi oħra, il-manifatturi li jidentifikaw vulnerabbiltà f'komponent integrat fi prodott b'elementi diġitali, inkluż f'komponent liberu u b'sors miftuħ, jenħtieġ li jirrappurtaw il-vulnerabbiltà lill-persuna jew lill-entità li żżomm il-komponent flimkien mal-miżura korrettiva meħuda.**

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Premessa 37a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(37a) Skont il-Ftehim tad-WTO dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ, meta jkunu meħtieġa regolamenti tekniċi u jeżistu standards internazzjonali rilevanti, il-membri tad-WTO jenħtieġ li jużaw dawk l-standards bħala l-bażi għar-regolamenti tekniċi proprji tagħhom. Huwa importanti li tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol fost l-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni, peress li l-standards internazzjonali huma maħsuba biex jiffaċilitaw l-armonizzazzjoni tar-regolamenti u l-standards tekniċi nazzjonali u regionali, u b'hekk inaqqsu l-ostakoli tekniċi mhux tariffarji għall-kummerċ. Minħabba li ċ-ċibersigurtà hija kwistjoni globali, jenħtieġ li l-Unjoni timmira għal allinjament massimu. Biex jintlaħaq dan l-għan, it-talba għall-istandardizzazzjoni għal dan ir-Regolament, kif stabbilita fl-Artikolu 10 tar-Regolament 1025/2012, jenħtieġ li tfitteż li tmaqqas l-ostakli għall-aċċettazzjoni tal-standards billi tippubblika r-referenzi tagħhom fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 10(6) tar-**

## **Emenda 24**

### **Proposta għal regolament Premessa 37b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(37b) Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' ta' dan ir-Regolament, l-iżvilupp f'waqtu tal-istandardi armonizzati joħloq sfida sinifikanti. Biex tissaħħa h is-sigurtà tal-prodotti b'komponenti diġitali fis-suq tal-Unjoni kemm jista' jkun malajr, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa għal żmien limitat biex tiddikjara standards internazzjonali eżistenti għaċ-ċibersigurta tal-prodotti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Dawn l-istandardi jenħtieġ li jiġu ppubblikati bħala standards li jipprovdū preżunzjoni ta' konformità.*

## **Emenda 25**

### **Proposta għal regolament Premessa 38**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(38) Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun hemm preżunzjoni ta' konformità għall-prodotti b'elementi diġitali li jkunu konformi mal-istandardi armonizzati, li jittrudu ċu r-rekwiżiti essenziali ta' dan ir-Regolament fi speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati, u li jiġu adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>29</sup>. Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 jipprevedi proċedura għal ogħżejjonijiet għal standards armonizzati meta dawk l-istandardi ma jissodisfawx kompletament

(38) Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun hemm preżunzjoni ta' konformità għall-prodotti b'elementi diġitali li jkunu konformi mal-istandardi armonizzati, li jittrudu ċu r-rekwiżiti essenziali ta' dan ir-Regolament fi speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati, u li jiġu adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>29</sup>. Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 jipprevedi proċedura għal ogħżejjonijiet għal standards armonizzati meta dawk l-istandardi ma jissodisfawx kompletament

ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

*Jenħtieġ li l-proċess ta' standardizzazzjoni jiġura rappreżentanza bbilanċjata tal-interessi u parteċipazzjoni effettiva tal-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi.*

---

<sup>29</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

<sup>29</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Premessa 41

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(41) Meta ma *jīġi adottat* l-ebda **standard armonizzat jew meta l-istandardi armonizzati** ma *jindirizzawx bizzżejjed ir-rekwiżiti essenzjali ta' dan ir-Regolament*, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tadotta speċifikazzjonijiet komuni permezz ta' atti ta' implantazzjoni. Ir-raġunijiet għall-iżvilupp ta' tali speċifikazzjonijiet komuni, minflok ma wieħed jibbaża fuq standards armonizzati, jistgħu jinkludu rifjut tat-talba ta' standardizzazzjoni minn kwalunkwe waħda mill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni, dewmien bla bżonn fl-istabbiliment ta' standards armonizzati xierqa, jew nuqqas ta' konformità tal-istandardi żviluppati mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew ma' talba tal-

#### *Emenda*

(41) Meta ma *tkun ġiet ippubblikata* l-ebda **referenza għall-istandardi armonizzati li jkopru r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) 1025/2012 u l-ebda referenza bħal din ma *tkun mistennija li tiġi ppubblikata fi żmien raġonevoli*, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tadotta speċifikazzjonijiet komuni permezz ta' atti ta' implantazzjoni. Ir-raġunijiet għall-iżvilupp ta' tali speċifikazzjonijiet komuni, minflok ma wieħed jibbaża fuq standards armonizzati, jistgħu jinkludu rifjut tat-talba ta' standardizzazzjoni minn kwalunkwe waħda mill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni, dewmien bla bżonn fl-istabbiliment ta' standards armonizzati**

Kummissjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti essenziali stabbiliti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun hemm preżunzjoni ta' konformità għall-prodotti b'elementi diġitali li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni adottati mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament għall-fini tal-espressjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati ta' dawk ir-rekwiżiti.

xierqa, jew nuqqas ta' konformità tal-istandardi żviluppati mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew ma' talba tal-Kummissjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti essenziali stabbiliti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun hemm preżunzjoni ta' konformità għall-prodotti b'elementi diġitali li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni adottati mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament għall-fini tal-espressjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati ta' dawk ir-rekwiżiti.

## Emenda 27

### Proposta għal regolament

#### Premessa 43

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(43) Il-markatura CE, li tindika l-konformità ta' prodott, hija l-konseguenza viżibbli ta' proċess sħiħ li jinkludi l-valutazzjoni tal-konformità f'sens wiesa'. Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-markatura CE huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>30</sup>. F'dan ir-Regolament **għandhom** jiġu stabbiliti regoli li jirregolaw it-twaħħil tal-markatura CE fuq prodotti b'elementi diġitali. Jenħtieġ li l-markatura CE tkun l-unika markatura, li tiggarantixxi li l-prodotti b'elementi diġitali jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

##### *Emenda*

(43) Il-markatura CE, li tindika l-konformità ta' prodott, hija l-konseguenza viżibbli ta' proċess sħiħ li jinkludi l-valutazzjoni tal-konformità f'sens wiesa'. Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-markatura CE huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>30</sup>. F'dan ir-Regolament **jenħtieġ li** jiġu stabbiliti regoli li jirregolaw it-twaħħil tal-markatura CE fuq prodotti b'elementi diġitali. Jenħtieġ li l-markatura CE tkun l-unika markatura, li tiggarantixxi li l-prodotti b'elementi diġitali jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

**Madankollu, jenħtieġ li prodott parjalment komplut b'elementi diġitali ma jiġix immarkat bil-markatura CE skont dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-immarkar li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni. Għal prodotti parjalment kompluti b'elementi diġitali, il-manifatturi jenħtieġ li jfasslu dikjarazzjoni ta' inkorporazzjoni tal-UE.**

---

<sup>30</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u t-tħassir tar-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

---

<sup>30</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u t-tħassir tar-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

## Emenda 28

### Proposta għal regolament

#### Premessa 45

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(45) Bħala regola ġenerali, ***il-valutazzjoni*** tal-konformità tal-prodotti b'elementi diġitali jenħtieġ li titwettaq mill-manifattur taħt ir-responsabbiltà tiegħu stess skont il-proċedura bbażata fuq il-Modulu A tad-Deċiżjoni 768/2008/KE. Il-manifattur jenħtieġ li jżomm il-flessibbiltà li jagħżel proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità aktar stretta li tinvolvi parti terza. Jekk il-prodott jiġi kklassifikat bħala prodott kritiku tal-klassi I, hija meħtieġa assigurazzjoni addizzjonali biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-manifattur japplika standards armonizzati, ***speċifikazzjonijiet komuni*** jew skemi taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà skont ir-Regolament (UE) 2019/881 li ġew identifikati mill-Kummissjoni f'att ta' implimentazzjoni, jekk ikun irid iwettaq il-valutazzjoni tal-konformità taħt ir-responsabbiltà tiegħu stess (modulu A). Jekk il-manifattur ma japplikax tali standards armonizzati, ***speċifikazzjonijiet komuni*** jew skemi taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà, il-manifattur jenħtieġ li jgħaddi minn valutazzjoni tal-konformità li tinvolvi parti terza. Filwaqt li jitqies il-piż amministrattiv fuq il-manifatturi u l-fatt li ċ-ċibersigurtà għandha rwol importanti fil-fażi tad-disinn u tal-iżvilupp ta' prodotti

##### *Emenda*

(45) Bħala regola ġenerali, ***ir-rekwiżiti għall-valutazzjoni*** tal-konformità tal-prodotti b'elementi diġitali jenħtieġ li ***jkunu bbażati fuq ir-riskju u, f'dak ir-rigward, f'ħafna każiġiet il-valutazzjoni tista'*** titwettaq mill-manifattur taħt ir-responsabbiltà tiegħu stess skont il-proċedura bbażata fuq il-Modulu A tad-Deċiżjoni 768/2008/KE. Il-manifattur jenħtieġ li jżomm il-flessibbiltà li jagħżel proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità aktar stretta li tinvolvi parti terza. Jekk il-prodott jiġi kklassifikat bħala prodott kritiku tal-klassi I, hija meħtieġa assigurazzjoni addizzjonali biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-manifattur japplika standards armonizzati jew skemi taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà skont ir-Regolament (UE) 2019/881 li ġew identifikati mill-Kummissjoni f'att ta' implimentazzjoni, jekk ikun irid iwettaq il-valutazzjoni tal-konformità taħt ir-responsabbiltà tiegħu stess (modulu A). Jekk il-manifattur ma japplikax tali standards armonizzati jew skemi taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà, il-manifattur jenħtieġ li jgħaddi minn valutazzjoni tal-konformità li tinvolvi parti terza. Filwaqt li jitqies il-piż amministrattiv fuq il-manifatturi u l-fatt li ċ-ċibersigurtà għandha rwol importanti fil-fażi tad-disinn

tanġibbli u intanġibbli b'elementi diġitali, il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rispettivamente ibbażati fuq il-moduli B+C jew il-modulu H tad-Deċiżjoni 768/2008/KE ntgħażlu bħala l-aktar proċeduri xierqa għall-valutazzjoni tal-konformità ta' prodotti kritiċi b'elementi diġitali b'mod proporzjonat u effettiv. Il-manifattur li jwettaq il-valutazzjoni tal-konformità minn parti terza jista' jagħżel il-proċedura li tkun l-aktar adattata għall-proċess tad-disinn u tal-produzzjoni tiegħu. Minħabba r-riskju saħansitra akbar taċ-ċibersigurtà relataż mal-użu ta' prodotti kklassifikati bħala prodotti kritiċi tal-klassi II, il-valutazzjoni tal-konformità jenħtieġ li dejjem tinvolvi parti terza.

u tal-iżvilupp ta' prodotti tanġibbli u intanġibbli b'elementi diġitali, il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rispettivamente ibbażati fuq il-moduli B+C jew il-modulu H tad-Deċiżjoni 768/2008/KE ntgħażlu bħala l-aktar proċeduri xierqa għall-valutazzjoni tal-konformità ta' prodotti kritiċi b'elementi diġitali b'mod proporzjonat u effettiv. Il-manifattur li jwettaq il-valutazzjoni tal-konformità minn parti terza jista' jagħżel il-proċedura li tkun l-aktar adattata għall-proċess tad-disinn u tal-produzzjoni tiegħu. Minħabba r-riskju saħansitra akbar taċ-ċibersigurtà relataż mal-użu ta' prodotti kklassifikati bħala prodotti kritiċi tal-klassi II, il-valutazzjoni tal-konformità jenħtieġ li dejjem tinvolvi parti terza.

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Premessa 46a (ġidida)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(46a) Meta prodotti b'elementi diġitali jkunu ekwivalenti, wieħed minn dawn il-prodotti jista' jiġi aċċettat bħala rappreżentattiv ta' familja jew kategorija ta' prodotti għall-finijiet ta' ċerti proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità.*

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Premessa 55

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(55) F'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1020, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iwettqu sorveljanza tas-suq fit-territorju ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma

(55) F'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1020, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iwettqu sorveljanza tas-suq fit-territorju ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma

jimpedixxix lill-Istati Membri milli jagħżlu l-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu dawk il-kompli. Kull Stat Membru **għandu** jaħtar awtorità tas-sorveljanza tas-suq waħda jew aktar fit-territorju tiegħu. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jaħtru kwalunkwe awtorità eżistenti jew ġidha biex taġixxi bħala awtorità tas-sorveljanza tas-suq, inklużi l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti msemmija fl-Artikolu **11-Artikolu XJ** tad-Direttiva **(id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2))** jew **l-awtoritajiet nazzjonali responsabbi għaċ-ċertifikazzjoni** taċ-ċibersigurta **maħtura** msemmija fl-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2019/881. L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jikkooperaw bis-sħiħ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u ma' awtoritajiet kompetenti oħra. Kull Stat Membru jenħtieġ li jinforma lill-Kummissjoni u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tiegħu u bl-oqsma ta' kompetenza ta' kull waħda minn dawk l-awtoritajiet u jenħtieġ li jiżgura r-riżorsi u l-ħiliet meħtieġa biex jitwettqu l-kompli ta' sorveljanza relatati ma' dan ir-Regolament. Skont l-Artikolu 10(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2019/1020, kull Stat Membru jenħtieġ li jaħtar uffiċċju ta' kollegament uniku li jenħtieġ li jkun responsabbi, fost l-oħrajn, għar-rappreżentanza tal-pożizzjoni koordinata tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u għall-assistenza fil-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fi Stati Membri differenti.

jimpedixxix lill-Istati Membri milli jagħżlu l-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu dawk il-kompli. **Jenħtieġ li** kull Stat Membru jaħtar awtorità tas-sorveljanza tas-suq waħda jew aktar fit-territorju tiegħu. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jaħtru kwalunkwe awtorità eżistenti jew ġidha biex taġixxi bħala awtorità tas-sorveljanza tas-suq, inklużi l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti msemmija fl-Artikolu **8** tad-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament **Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta'** **Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurta madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (id-Direttiva NIS2) jew awtoritajiet nazzjonali **maħtura taċ-ċertifikazzjoni** taċ-ċibersigurta msemmija fl-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2019/881. L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jikkooperaw bis-sħiħ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u ma' awtoritajiet kompetenti oħra. Kull Stat Membru jenħtieġ li jinforma lill-Kummissjoni u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tiegħu u bl-oqsma ta' kompetenza ta' kull waħda minn dawk l-awtoritajiet u jenħtieġ li jiżgura r-riżorsi u l-ħiliet meħtieġa biex jitwettqu l-kompli ta' sorveljanza relatati ma' dan ir-Regolament. Skont l-Artikolu 10(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2019/1020, kull Stat Membru jenħtieġ li jaħtar uffiċċju ta' kollegament uniku li jenħtieġ li jkun responsabbi, fost l-oħrajn, għar-rappreżentanza tal-pożizzjoni koordinata tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u għall-assistenza fil-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fi Stati Membri differenti.**

## Emenda 31

### Proposta għal regolament Premessa 56a (ġidha)

**(56a) Sabiex l-operaturi ekonomiċi li huma SMEs u mikronegozji jkunu jistgħu jlaħħqu mal-obbligi l-ġodda imposti minn dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdilhom linji gwida li jinfiehma faċilment u pariri, pereżempju, permezz ta' mezz dirett għall-konnessjoni ma' esperti f'każ ta' mistoqsijiet, fid-dawl tal-bżonn ta' simplifikazzjoni u limitazzjoni tal-piżżejiet amministrattivi. Meta tiżviluppa tali linji gwida, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis il-ħtiġijiet tal-SMEs sabiex il-piżżejiet amministrattivi u finanzjarji jinżammu f'livell minimu filwaqt li tiġi ffaċilitata l-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'għarfien espert fil-qasam taċ-ċibersigurtà.**

## **Emenda 32**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 58**

(58) F'ċerti każijiet, prodott b'elementi diġitali li jikkonforma ma' dan ir-Regolament, jista' madankollu jippreżenta riskju sinifikanti għaċ-ċibersigurtà jew joħloq riskju għas-sahħha jew għas-sikurezza tal-persuni, għall-konformità mal-obbligi skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali maħsuba biex jipproteġu d-drittijiet fundamentali, id-disponibbiltà, l-awtentiċità, l-integrità jew il-kunfidenzjalitā tas-servizzi offruti bl-użu ta' sistema ta' informazzjoni elettronika minn entitajiet essenziali tat-tip imsemmi fl-/Anness I tad-Direttiva XXX/XXXX (NIS2) jew għal aspetti oħra tal-protezzjoni tal-interess pubbliku. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li

(58) F'ċerti każijiet, prodott b'elementi diġitali li jikkonforma ma' dan ir-Regolament, jista' madankollu jippreżenta riskju sinifikanti għaċ-ċibersigurtà jew joħloq riskju għas-sahħha jew għas-sikurezza tal-persuni, għall-konformità mal-obbligi skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali maħsuba biex jipproteġu d-drittijiet fundamentali, id-disponibbiltà, l-awtentiċità, l-integrità jew il-kunfidenzjalitā tas-servizzi offruti bl-użu ta' sistema ta' informazzjoni elettronika minn entitajiet essenziali tat-tip imsemmi fl-/Anness I tad-Direttiva (UE) 2022/2555 (id-Direttiva NIS2) jew għal aspetti oħra tal-protezzjoni tal-interess pubbliku. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li

jiżguraw il-mitigazzjoni ta' dawk ir-riskji. B'rızultat ta' dan, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jenħtieġ li jieħdu miżuri biex jirrikjedu lill-operatur ekonomiku jiżgura li l-prodott ma jibqax jippreżenta dak ir-riskju, biex jirritornah jew jirrevokah, skont ir-riskju. Hekk kif awtorità tas-sorveljanza tas-suq tirrestrinġi jew tipprojbixxi l-moviment liberu ta' prodott b'mod tali, jenħtieġ li l-Istat Membru jinnotifika mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-miżuri provviżorji, u jindika r-raġunijiet u l-ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni. Meta awtorità tas-sorveljanza tas-suq tadotta tali miżuri kontra prodotti li jippreżentaw riskju, jenħtieġ li l-Kummissjoni tidħol f'konsultazzjoni mingħajr dewmien mal-Istati Membri u mal-operatur ekonomiku jew mal-operatori ekonomiċi rilevanti u tevalwa l-miżura nazzjonali. Abbażi tar-riżultati ta' din il-valutazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddeċiedi jekk il-miżura nazzjonali hijiex iġġustifikata jew le. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u tikkomunikaha minnufih lilhom u lill-operatur ekonomiku jew l-operatori ekonomiċi rilevanti. Jekk il-miżura titqies ġustifikata, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra wkoll li tadotta proposti għar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni rispettiva tal-Unjoni.

regoli li jiżguraw il-mitigazzjoni ta' dawk ir-riskji. B'rızultat ta' dan, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jenħtieġ li jieħdu miżuri biex jirrikjedu lill-operatur ekonomiku jiżgura li l-prodott ma jibqax jippreżenta dak ir-riskju, biex jirritornah jew jirrevokah, skont ir-riskju. Hekk kif awtorità tas-sorveljanza tas-suq tirrestrinġi jew tipprojbixxi l-moviment liberu ta' prodott b'mod tali, jenħtieġ li l-Istat Membru jinnotifika mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-miżuri provviżorji, u jindika r-raġunijiet u l-ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni. Meta awtorità tas-sorveljanza tas-suq tadotta tali miżuri kontra prodotti li jippreżentaw riskju, jenħtieġ li l-Kummissjoni tidħol f'konsultazzjoni mingħajr dewmien mal-Istati Membri u mal-operatur ekonomiku jew mal-operatori ekonomiċi rilevanti u tevalwa l-miżura nazzjonali. Abbażi tar-riżultati ta' din il-valutazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddeċiedi jekk il-miżura nazzjonali hijiex iġġustifikata jew le. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u tikkomunikaha minnufih lilhom u lill-operatur ekonomiku jew l-operatori ekonomiċi rilevanti. Jekk il-miżura titqies ġustifikata, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra wkoll li tadotta proposti għar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni rispettiva tal-Unjoni.

### Emenda 33

#### Proposta għal regolament Premessa 59

*Test propost mill-Kummissjoni*

(59) Għal prodotti b'elementi digżitali li jippreżentaw riskju sinifikanti għaċ-ċibersigurtà, u fejn ikun hemm raġuni biex wieħed jemmen li dawn ma humiex konformi ma' dan ir-Regolament, jew għal prodotti li huma konformi ma' dan ir-Regolament, iżda li jippreżentaw riskji

*Emenda*

(59) Għal prodotti b'elementi digżitali li jippreżentaw riskju sinifikanti għaċ-ċibersigurtà, u fejn ikun hemm raġuni biex wieħed jemmen li dawn ma humiex konformi ma' dan ir-Regolament, jew għal prodotti li huma konformi ma' dan ir-Regolament, iżda li jippreżentaw riskji

importanti oħra, bħal riskji għas-saħħha jew għas-sikurezza tal-persuni, id-drittijiet fundamentali jew il-forniment tas-servizzi minn entitajiet esenzjali tat-tip imsemmi ***fl-Anness I*** tad-Direttiva ***XXX / XXXX (NIS2)***, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ENISA twettaq evalwazzjoni. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implementazzjoni, miżuri korrettivi jew restrittivi fil-livell tal-Unjoni, inklużi l-ordni tal-irtirar mis-suq, jew is-sejħa lura tal-prodotti rispettivi, f'perjodu rāgħonevoli, proporzjonat man-natura tar-riskju. Il-Kummissjoni jista' jkollha rikors għal intervent bħal dan biss f'ċirkostanzi eċċeżżjonali li jiġġustifikaw intervent immedja biex tippreserva l-funzjonament tajjeb tas-suq intern, u biss meta ma tkun ittieħdet l-ebda miżura effettiva mill-awtoritajiet ta' sorveljanza biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni. Tali ċirkostanzi eċċeżżjonali jistgħu jkunu sitwazzjonijiet ta' emerġenza fejn, pereżempju, prodott mhux konformi jkun sar disponibbli b'mod wiesa' mill-manifattur f'diversi Stati Membri, użat ukoll f'setturi ewlenin minn entitajiet taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-[Direttiva ***XXX / XXXX (NIS2)***], u dan waqt li jkun fih vulnerabbiltajiet magħrufa li qed jiġu sfruttati minn atturi malizzjużi u li ġħalihom il-manifattur ma jipprovdix software korrettiv disponibbli. Il-Kummissjoni tista' tintervjeni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza bħal dawn biss għat-tul taċ-ċirkostanzi eċċeżżjonali u jekk in-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament jew ir-riskji importanti ppreżentati jippersistu.

importanti oħra, bħal riskji għas-saħħha jew għas-sikurezza tal-persuni, id-drittijiet fundamentali jew il-forniment tas-servizzi minn entitajiet esenzjali tat-tip imsemmi ***fl-Anness I*** tad-Direttiva ***(UE) 2022/2555 (id-Direttiva NIS2)***, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ENISA twettaq evalwazzjoni. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implementazzjoni, miżuri korrettivi jew restrittivi fil-livell tal-Unjoni, inklużi l-ordni tal-irtirar mis-suq, jew is-sejħa lura tal-prodotti rispettivi, f'perjodu rāgħonevoli, proporzjonat man-natura tar-riskju. Il-Kummissjoni jista' jkollha rikors għal intervent bħal dan biss f'ċirkostanzi eċċeżżjonali li jiġġustifikaw intervent immedja biex tippreserva l-funzjonament tajjeb tas-suq intern, u biss meta ma tkun ittieħdet l-ebda miżura effettiva mill-awtoritajiet ta' sorveljanza biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni. Tali ċirkostanzi eċċeżżjonali jistgħu jkunu sitwazzjonijiet ta' emerġenza fejn, pereżempju, prodott mhux konformi jkun sar disponibbli b'mod wiesa' mill-manifattur f'diversi Stati Membri, użat ukoll f'setturi ewlenin minn entitajiet taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-[Direttiva ***(UE) 2022/2555 (id-Direttiva NIS2)***], u dan waqt li jkun fih vulnerabbiltajiet magħrufa li qed jiġu sfruttati minn atturi malizzjużi u li ġħalihom il-manifattur ma jipprovdix software korrettiv disponibbli. Il-Kummissjoni tista' tintervjeni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza bħal dawn biss għat-tul taċ-ċirkostanzi eċċeżżjonali u jekk in-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament jew ir-riskji importanti ppreżentati jippersistu.

## Emenda 34

### Proposta għal regolament

#### Premessa 62

*Test propost mill-Kummissjoni*

(62) Sabiex jiġi żgurat li l-qafas regolatorju jkun jista' jiġi adattat fejn meħtieġ, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat jenħtieġ li tīgi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' aġġornamenti għal-lista ta' prodotti kritiċi fl-Anness III u jiġu spċifikati d-definizzjonijiet ta' dawn il-kategoriji ta' prodotti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità ma' dak l-Artikolu biex tidentifika prodotti b'elementi diġitali koperti minn regoli oħra tal-Unjoni li jiksbu l-istess livell ta' protezzjoni bħal dan ir-Regolament, u jiġi spċifikat jekk limitazzjoni jew esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkunx meħtieġa kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni ta' dik il-limitazzjoni, jekk applikabbli. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità ma' dak l-Artikolu jenħtieġ li tīgi ddelegata wkoll lill-Kummissjoni fir-rigward ***tal-mandat potenzjali għaċ-ċertifikazzjoni*** ta' ċerti prodotti kritiċi ħafna b'elementi diġitali bbażati fuq il-kritikalitā stabbilita f'dan ir-Regolament, kif ukoll biex jiġi spċifikat il-kontenut minimu tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u biex jiġu s-supplimentati l-elementi li għandhom jiġu inklużi fid-dokumentazzjoni teknika. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell tal-esperi, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liggijet<sup>33</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugħalli fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperi tal-Istati Membri, u l-esperi tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperi tal-Kummissjoni li jittrattaw it-

*Emenda*

(62) Sabiex jiġi żgurat li l-qafas regolatorju jkun jista' jiġi adattat fejn meħtieġ, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat jenħtieġ li tīgi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' aġġornamenti għal-lista ta' prodotti kritiċi fl-Anness III u jiġu spċifikati d-definizzjonijiet ta' dawn il-kategoriji ta' prodotti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità ma' dak l-Artikolu biex tidentifika prodotti b'elementi diġitali koperti minn regoli oħra tal-Unjoni li jiksbu l-istess livell ta' protezzjoni bħal dan ir-Regolament, u jiġi spċifikat jekk limitazzjoni jew esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkunx meħtieġa kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni ta' dik il-limitazzjoni, jekk applikabbli. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità ma' dak l-Artikolu jenħtieġ li tīgi ddelegata wkoll lill-Kummissjoni fir-rigward ***taċ-ċertifikazzjoni volontarja potenzjali*** ta' ċerti prodotti kritiċi ħafna b'elementi diġitali bbażati fuq il-kritikalitā stabbilita f'dan ir-Regolament, kif ukoll biex jiġi spċifikat il-kontenut minimu tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u biex jiġu s-supplimentati l-elementi li għandhom jiġu inklużi fid-dokumentazzjoni teknika. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell tal-esperi, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liggijet<sup>33</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugħalli fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperi tal-Istati Membri, u l-esperi tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperi tal-Kummissjoni li jittrattaw it-

tħejjija ta' atti delegati.

---

<sup>33</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

## Emenda 35

### Proposta għal regolament

#### Premessa 63

*Test propost mill-Kummissjoni*

(63) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implementazzjoni lill-Kummissjoni sabiex: tispeċifika l-format u l-elementi tal-lista ta' materjali tas-software, tkompli tispeċifika t-tip ta' informazzjoni, il-format u l-proċedura tan-notifikasi dwar il-vulnerabbiltajiet u l-inċidenti sfruttati b'mod attiv ippreżentati lill-ENISA mill-manifatturi, tispeċifika l-iskemi Ewropej taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà adottati skont ir-Regolament (UE) 2019/881 li jistgħu jintużaw biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali jew mal-partijiet u għalhekk kif stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, tadotta speċifikazzjonijiet komuni fir-rigward tar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I, tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi ġhal pittogrammi jew kwalunkwe marka oħra relatata mas-sigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali, u mekkaniżmi biex tippromwovi l-użu tagħhom, tiddeċiedi dwar miżuri korrettivi jew restrittivi fil-livell tal-Unjoni f'ċirkostanzi eċċeżżjonali li jiġi ppreservat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>34</sup>.

tħejjija ta' atti delegati.

---

<sup>33</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

*Emenda*

(63) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implementazzjoni lill-Kummissjoni sabiex: tispeċifika l-format u l-elementi tal-lista ta' materjali tas-software, tkompli tispeċifika t-tip ta' informazzjoni, il-format u l-proċedura tan-notifikasi dwar il-vulnerabbiltajiet u l-inċidenti sfruttati b'mod attiv ippreżentati lill-ENISA mill-manifatturi, **abbażi tal-aħjar prattiki tal-industrija**, tispeċifika l-iskemi Ewropej taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà adottati skont ir-Regolament (UE) 2019/881 li jistgħu jintużaw biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali jew mal-partijiet u għalhekk kif stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, tadotta speċifikazzjonijiet komuni fir-rigward tar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I, tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi ġhal pittogrammi jew kwalunkwe marka oħra relatata mas-sigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali, u mekkaniżmi biex tippromwovi l-użu tagħhom, tiddeċiedi dwar miżuri korrettivi jew restrittivi fil-livell tal-Unjoni f'ċirkostanzi eċċeżżjonali li jiġi ppreservat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>34</sup>.

<sup>34</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġeneralni dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implementazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

<sup>34</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġeneralni dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implementazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

## Emenda 36

### Proposta għal regolament Premessa 69

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(69) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jingħataw żmien biżżejjed biex jadattaw għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika [24 xahar] mid-dħul fis-seħħ tiegħu, **bl-eċċeżżjoni tal-obbligi ta' rapportar dwar vulnerabbiltajiet sfruttati b'mod attiv u inċidenti, li jenħtieġ li japplikaw [12-il xahar] mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.**

#### *Emenda*

(69) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jingħataw żmien biżżejjed biex jadattaw għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika [36 xahar] mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

## Emenda 37

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Dan ir-Regolament *jistabbilixxi*:

#### *Emenda*

**L-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern filwaqt li jipprovdli livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u ċibersigurtà.**

**Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar:**

## Emenda 38

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

*Test proposet mill-Kummissjoni*

- (a) ***ir-regoli għall-introduzzjoni*** fis-suq ta' prodotti b'elementi diġitali biex tīgħi żgurata c-ċibersigurtà ta' tali prodotti;

*Emenda*

- (a) ***l-introduzzjoni*** fis-suq ta' prodotti b'elementi diġitali biex tīgħi żgurata c-ċibersigurtà ta' tali prodotti;

### **Emenda 39**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt d**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

- (d) ***ir-regoli dwar*** is-sorveljanza tas-suq u l-infurzar tar-regoli u r-rekwiżiti msemmija hawn fuq.

*Emenda*

- (d) is-sorveljanza tas-suq u l-infurzar tar-regoli u r-rekwiżiti msemmija hawn fuq.

### **Emenda 40**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

1. Dan ir-Regolament japplika għal prodotti b'elementi diġitali li l-użu maħsub jew raġonevolment prevedibbli tagħhom jinkludi konnessjoni diretta jew indiretta ta' data loġika jew fiżika ma' apparat jew ma' network.

*Emenda*

1. Dan ir-Regolament japplika għal prodotti b'elementi diġitali ***introdotti fis-suq*** li l-użu maħsub jew raġonevolment prevedibbli tagħhom jinkludi konnessjoni diretta jew indiretta ta' data loġika jew fiżika ma' apparat jew ma' network ***esterni***.

### **Emenda 41**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 5a (ġdid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- 5a.** *Dan ir-Regolament ma japplikax għal software liberu u b'sors miftuħ, inklużi l-kodiċi sors u l-verżjonijiet modifikati tiegħu, ħlief meta s-software jkun ipprovdut f'attività kummerċjali, jew*

*billi:*

- (i) *jiġi impost prezz għal prodt;*
  - (ii) *tiġi pprovduta pjattaforma tas-software li tiddejji fuq servizzi oħra li l-manifattur jipprova;*
  - (iii) *tintuża data personali ġġenerata mis-software għal raġunijiet għajr esklużivament għat-titjib tas-sigurtà, il-kompatibbiltà jew l-interoperabbiltà tas-software.*
  - (iv) *jiġi impost prezz għal servizzi ta' appoġġ tekniku;*
- Il-konformità tal-komponenti liberi u b'sors miftuħ tal-prodotti għandha tiġi żgurata mill-manifattur tal-prodott li fit-huma inklużi.*

#### **Emenda 42**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 5b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5b.** *Dan ir-Regolament ma għandux jaapplika għan-networks interni ta' prodott b'elementi diġitali jekk dawn in-networks ikollhom endpoints iddedikati u jkunu iżolati u protetti kompletament minn konnessjoni ta' data esterna.*

#### **Emenda 43**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 5c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5c.** *Dan ir-Regolament ma għandux jaapplika għal spare parts maħsuba biss biex jissostitwixxu partijiet difettużi ta' prodotti b'elementi diġitali, sabiex il-funzjonalità tagħhom tiġi restawrata.*

## Emenda 44

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) “prodott b’elementi diġitali” tfisser kwalunkwe prodott tas-software jew tal-hardware **u s-soluzzjonijiet remoti tiegħu għall-ipproċessar tad-data**, inklużi komponenti tas-software jew tal-hardware li għandhom jiġu introdotti fis-suq separatament;

*Emenda*

(1) “prodott b’elementi diġitali” tfisser kwalunkwe prodott tas-software jew tal-hardware, inklużi komponenti tas-software jew tal-hardware li għandhom jiġu introdotti fis-suq separatament;

## Emenda 45

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) “*iproċessar tad-data mill-bogħod*” tfisser kwalunkwe pproċessar *tad-data li għalihi is-software huwa ddisinjat u żviluppat mill-manifattur jew taħt ir-responsabbiltà tal-manifattur, u li n-nuqqas tiegħu jimpedixxi lill-prodott b’elementi diġitali milli jwettaq waħda mill-funzjonijiet tiegħu;*

*Emenda*

*imħassar*

## Emenda 46

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(6a) “*software b’sors miftuħ*” tfisser software distribwit taħt liċenzja li tippermetti lill-utenti jħaddmuh, jikkupjawh, jiddistribuh, jistudjawh, ibiddluh u jtejbuh liberament, kif ukoll jintegrawh bħala komponent fi prodotti oħra, jipprovdu bħala servizz, jew jipprovdu appoġġ kummerċjali għalihi.

## Emenda 47

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 18

*Test propost mill-Kummissjoni*

(18) “manifattur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tizvilupa jew timmanifattura prodotti b’elementi diġitali jew li għandha prodotti b’elementi diġitali ddisinjati, żviluppati jew manifatturati, u tikkummerċjalizzahom taħt isimha jew it-trademark tagħha, kemm jekk għall-ħlas kif ukoll jekk mingħajr ħlas;

*Emenda*

(18) (*Ma taffettwax il-verżjoni Maltija*)

## Emenda 48

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19

*Test propost mill-Kummissjoni*

(19) “rappreżtant awtorizzat” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub minn manifattur biex **taġixxi f'isimu b'raba ma' kompiti** speċifikati;

*Emenda*

(19) “rappreżtant awtorizzat” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub minn manifattur biex **jaġixxi f'isimha fir-rigward tal-kompiti** speċifikati **fir-rigward tal-obbligi tal-manifattur**;

## Emenda 49

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(23a) “sejħa lura ta’ prodott mis-suq”  
tfisser sejħa lura kif definita fl-Artikolu 3,  
il-punt (22) tar-Regolament (UE)  
Nru 2019/1020;

## Emenda 50

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 26**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(26) “użu ħażin raġonevolment prevedibbli” tfisser l-użu ta’ prodott b’elementi diġitali li ma jkunx konformi mal-iskop maħsub tiegħu, iżda li jista’ jirriżulta minn imġiba umana jew minn interazzjoni ma’ sistemi oħra raġonevolment prevedibbli;

*Emenda*

*imħassar*

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 31**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(31) “modifika sostanzjali” tfisser bidla fil-prodott b’elementi diġitali wara l-introduzzjoni tiegħu fis-suq, li taffettwa l-konformità tal-prodott b’elementi diġitali mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fit-TaqSIMA 1 tal-Anness I jew tirriżulta f’modifika għall-użu maħsub li għaliha ikun ġie vvalutat il-prodott b’elementi diġitali;

*Emenda*

(31) “modifika sostanzjali” tfisser bidla fil-prodott b’elementi diġitali **bl-esklużjoni ta’ aġġornamenti tas-sigurtà u tal-manutenzjoni**, wara l-introduzzjoni tiegħu fis-suq, li taffettwa l-konformità tal-prodott b’elementi diġitali mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fit-TaqSIMA 1 tal-Anness I jew tirriżulta f’modifika għall-użu maħsub li għaliha ikun ġie vvalutat il-prodott b’elementi diġitali;

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 39**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(39) “vulnerabbiltà sfruttata b’mod attiv” tfisser vulnerabbiltà li għaliha jkun hemm evidenza affidabbli li fuq sistema tkun twettqet eżekuzzjoni ta’ kodiċi malizzjuż minn attur mingħajr permess tas-sid tas-sistema;

*Emenda*

(39) “vulnerabbiltà sfruttata b’mod attiv” tfisser vulnerabbiltà **korreġuta** li għaliha jkun hemm evidenza affidabbli li fuq sistema tkun twettqet eżekuzzjoni ta’ kodiċi malizzjuż minn attur mingħajr permess tas-sid tas-sistema;

## **Emenda 53**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 40a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(40a) “prodotti parzialment kompluti b’elementi diġitali” tħisser oġġett tanġibbli li ma jistax jaħdem b’mod indipendenti u li huwa prodott biss bil-għan li jiġi inkorporat jew immuntat fi prodott b’elementi diġitali jew prodott ieħor parzialment komplut b’elementi diġitali, u li jista’ jiġi vvalutat b’mod effettiv biss għall-konformità tiegħu billi jitqies kif jiġi inkorporat fi prodott finali maħsub b’elementi diġitali;*

## **Emenda 54**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 40b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(40b) “ċiklu tal-ħajja” tħisser il-perjodu mill-mument meta l-prodott kopert minn dan ir-Regolament jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz sal-mument meta jintrema, inkluż iż-żmien effettiv meta huwa kapaċi li jintuża u l-fażijiet tat-trasport, tal-assemblaġġ, taż-żarmar, tal-waqfiem tat-tħaddim, tal-iskrappjar jew modifikasi fitiċċi jew diġitali oħra previsti mill-manifattur;*

## **Emenda 55**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 4 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu, għall-kwistjonijiet koperti

1. L-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu, għall-kwistjonijiet koperti

minn dan ir-Regolament, it-tqegħid fis-suq ta' prodotti b'elementi diġitali li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

minn dan ir-Regolament, it-tqegħid fis-suq ta' prodotti b'elementi diġitali *jew prodotti parzialment kompluti b'elementi diġitali* li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

## Emenda 56

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. F'fieri kummerċjali, wirjet u dimostrazzjonijiet jew avvenimenti simili, l-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu l-preżentazzjoni u l-użu ta' prodott b'elementi diġitali li ma *jikkonformax* ma' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

2. F'fieri kummerċjali, wirjet u dimostrazzjonijiet jew avvenimenti simili, l-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu l-preżentazzjoni u l-użu ta' prodott b'elementi diġitali, *prodott prototip b'elementi diġitali jew prodott parzialment komplut b'elementi diġitali* li ma *jikkonformawx ma' dan ir-Regolament dment li l-prodott b'elementi diġitali jintuża eskluziżvament għal skopijiet ta' prezantazzjoni matul l-avveniment u li sinjal viżibbli jindika b'mod ċar in-nuqqas ta' konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament.*

## Emenda 57

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' *software* mhux *lest* li ma *jikkonformax* ma' dan ir-Regolament dment li *s-software isir* disponibbli biss *għal perjodu limitat meħtieġ* għal skopijiet ta' t-testjar u li sinjal viżibbli jindika b'mod ċar li ma *jikkonformax* ma' dan ir-Regolament u mhux se *jkun* disponibbli fis-suq għal skopijiet oħra għajr l-ittestjar.

#### *Emenda*

3. L-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' *prodotti b'elementi diġitali jew prodotti prototip b'elementi diġitali* mhux *lesti* li ma *jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, dment li *dawn isiru* disponibbli biss *f'verzjoni mhux għall-produzzjoni* għal skopijiet ta' t-testjar u li sinjal viżibbli jindika b'mod ċar li ma *jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u mhux se *jkunu* disponibbli fis-suq għal skopijiet oħra għajr l-ittestjar.**

## Emenda 58

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*3a. Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jissoġġettaw prodotti b'elementi diġitali għal mżuri addizzjonali meta dawn il-prodotti speċifiċi jkunu se jintużaw għal skopijiet militari, ta' difiża jew ta' sigurtà nazzjonali, u tali mżuri jkunu meħtieġa u proporzjonati għall-kisba ta' dawk l-iskopijiet.*

## Emenda 59

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(1) jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fit-TaqSIMA 1 tal-Anness I, bil-kundizzjoni li jiġu installati, miżmuma kif suppost, użati għall-iskop maħsub tagħhom jew f'kundizzjonijiet li jistgħu jiġu previsti b'mod raġonevoli, u, fejn applikabbli, **aġġornati**, u

(1) jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fit-TaqSIMA 1 tal-Anness I, bil-kundizzjoni li jiġu installati, miżmuma kif suppost, użati għall-iskop maħsub tagħhom jew f'kundizzjonijiet li jistgħu jiġu previsti b'mod raġonevoli, u, fejn applikabbli, **improvduti b'aġġornamenti tas-sigurtà neċċessarji**, u

## Emenda 60

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-prodotti b'elementi diġitali li jappartjenu għal kategorija li hija elenka fl-Anness III għandhom jitqiesu bħala prodotti kritiċi b'elementi diġitali. Il-prodotti li għandhom il-funzjonalità

1. Il-prodotti b'elementi diġitali li jappartjenu għal kategorija li hija elenka fl-Anness III għandhom jitqiesu bħala prodotti kritiċi b'elementi diġitali. Il-prodotti **biss** li għandhom il-funzjonalità

ewlenija ta' kategorija li hija elenkata fl-Anness III ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu li jaqgħu f'dik il-kategorija. Il-kategoriji ta' prodotti kritiċi b'elementi diġitali għandhom jinqasmu fil-klassi I u fil-klassi II kif stabbilit fl-Anness III, li jirriflett l-livell ta' riskju għaċ-ċibersigurtà relatat ma' dawn il-prodotti.

ewlenija ta' kategorija li hija elenkata fl-Anness III ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu li jaqgħu f'dik il-kategorija. Il-kategoriji ta' prodotti kritiċi b'elementi diġitali għandhom jinqasmu fil-klassi I u fil-klassi II kif stabbilit fl-Anness III, li jirriflett l-livell ta' riskju għaċ-ċibersigurtà relatat ma' dawn il-prodotti. **L-integrazzjoni ta' komponent ta' klassi oħħla ta' kritikalità fi prodott ta' kritikalità aktar baxxa ma tbiddilx il-livell ta' kritikalità għall-prodott li fih ikun integrat il-komponent.**

## Emenda 61

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-użu maħsub **f'ambjenti sensittivi, inkluż f'ambjenti industrijali** jew minn entitajiet essenzjali tat-tip imsemmi fl-Anness [l-Anness I] tad-Direttiva [id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)];

*Emenda*

(b) l-użu maħsub **f'applikazzjonijiet kritiċi** f'ambjenti **sensittivi** jew minn entitajiet essenzjali tat-tip imsemmi fl-Anness [l-Anness I] tad-Direttiva [id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)];

## Emenda 62

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-użu maħsub tat-twettiq ta' funzjonijiet kritiċi jew sensittivi, bħall-iproċessar ta' data personali;

*Emenda*

(c) l-użu maħsub **u l-iskala** tat-twettiq ta' funzjonijiet kritiċi jew sensittivi, bħall-iproċessar ta' data personali;

## Emenda 63

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4

*Test propos mill-Kummissjoni*

4. Il-prodotti kritiċi b'elementi diġitali għandhom ikunu soġġetti għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 24(2) u (3).

*Emenda*

4. Il-prodotti kritiċi b'elementi diġitali għandhom ikunu soġġetti għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 24(2) u (3). **B'ċċeżzjoni, l-intrapriżi żgħar u mikro jistgħu jużaw il-proċedura msemmija fl-Artikolu 24(2).**

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 5 – parti introduttiorja**

*Test propos mill-Kummissjoni*

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika kategoriji ta' prodotti kritiċi ħafna b'elementi diġitali li għalihom il-manifatturi **għandhom ikunu meħtieġa** jiksbu ċertifikat Ewropew taċ-ċibersigurtà skont skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà skont ir-Regolament (UE) 2019/881 biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabiliti fl-Anness I, jew partijiet minnu. Meta tiddetermina dawn il-kategoriji ta' prodotti b'elementi diġitali kritiċi ħafna, il-Kummissjoni għandha tqis il-livell ta' riskju għaċ-ċibersigurtà relataż mal-kategorija ta' prodotti b'elementi diġitali, fid-dawl ta' wieħed jew aktar mill-kriterji elenkti fil-paragrafu 2, kif ukoll fid-dawl tal-valutazzjoni ta' jekk dik il-kategorija ta' prodotti hijiex:

*Emenda*

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika kategoriji ta' prodotti kritiċi ħafna b'elementi diġitali li għalihom il-manifatturi **jistgħu** jiksbu ċertifikat Ewropew taċ-ċibersigurtà skont skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà skont ir-Regolament (UE) 2019/881 biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabiliti fl-Anness I, jew partijiet minnu. Meta tiddetermina dawn il-kategoriji ta' prodotti b'elementi diġitali kritiċi ħafna, il-Kummissjoni għandha tqis il-livell ta' riskju għaċ-ċibersigurtà relataż mal-kategorija ta' prodotti b'elementi diġitali, fid-dawl ta' wieħed jew aktar mill-kriterji elenkti fil-paragrafu 2, kif ukoll fid-dawl tal-valutazzjoni ta' jekk dik il-kategorija ta' prodotti hijiex:

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 1**

### *Test proposet mill-Kummissjoni*

1. Prodotti b'elementi diġitali kklassifikati bħala sistemi tal-IA b'riskju kbir skont l-Artikolu [l-Artikolu 6] tar-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA] li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u li jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, u fejn il-proċessi stabbiliti mill-manifattur ikunu konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I, għandhom jitqiesu bħala konformi mar-rekwiżiti relatati maċ-ċibersigurtà stabbiliti fl-Artikolu [15] tar-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA], mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti l-oħra relatati mal-preċiżjoni u r-robustezza inklużi fl-Artikolu msemmi hawn fuq, u sa fejn il-ksib tal-livell ta' protezzjoni meħtieġ minn dawk ir-rekwiżiti jintwera mid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE maħruġa skont dan ir-Regolament.

### *Emenda*

1. Prodotti b'elementi diġitali **jew prodotti parjalment kompluti b'elementi diġitali** kklassifikati bħala sistemi tal-IA b'riskju kbir skont l-Artikolu [l-Artikolu 6] tar-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA] li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u li jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, u fejn il-proċessi stabbiliti mill-manifattur ikunu konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I, għandhom jitqiesu bħala konformi mar-rekwiżiti relatati maċ-ċibersigurtà stabbiliti fl-Artikolu [15] tar-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA], mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti l-oħra relatati mal-preċiżjoni u r-robustezza inklużi fl-Artikolu msemmi hawn fuq, u sa fejn il-ksib tal-livell ta' protezzjoni meħtieġ minn dawk ir-rekwiżiti jintwera mid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE maħruġa skont dan ir-Regolament.

### **Emenda 66**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2**

### *Test proposet mill-Kummissjoni*

2. Għar-rekwiżiti tal-prodotti u taċ-ċibersigurtà msemmija fil-paragrafu 1, għandha tapplika l-proċedura rilevanti ta' valutazzjoni tal-konformità kif meħtieġ **mill-Artikolu [l-Artikolu 43] tar-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA].** Għall-finijiet ta' dik il-valutazzjoni, il-korpi notifikati li huma intitolati li jikkontrollaw il-konformità tas-sistemi tal-IA b'riskju kbir skont ir-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA] għandhom ikunu intitolati wkoll li jikkontrollaw il-konformità tas-sistemi tal-IA b'riskju kbir fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-

### *Emenda*

2. Għar-rekwiżiti tal-prodotti u taċ-ċibersigurtà msemmija fil-paragrafu 1, għandha tapplika l-proċedura rilevanti ta' valutazzjoni tal-konformità kif meħtieġ **mid-[dispożizzjonijiet applikabbi]** tar-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA]. Għall-finijiet ta' dik il-valutazzjoni, il-korpi notifikati li huma intitolati li jikkontrollaw il-konformità tas-sistemi tal-IA b'riskju kbir skont ir-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA] għandhom ikunu intitolati wkoll li jikkontrollaw il-konformità tas-sistemi tal-IA b'riskju kbir fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-

Regolament mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, *dment li l-konformità ta' dawk il-korpi notifikati mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament tkun ġiet ivvalutata fil-kuntest tal-proċedura ta' notifika skont ir-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA].*

Regolament mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 67

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. *B'deroga mill-paragrafu 2, prodotti kritiċi b'elementi diġitali elenkti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, li għandhom japplikaw il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikoli 24(2)(a), 24(2)(b), 24(3)(a) u 24(3)(b) skont dan ir-Regolament u li huma kklassifikati wkoll bħala sistemi tal-IA b'riskju kbir skont l-Artikolu [l-Artikolu 6] tar-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA] u li għalihom tapplika l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità bbażata fuq il-kontroll intern imsemmija fl-Anness [l-Anness VI] tar-Regolament [ir-Regolament dwar l-IA], għandhom ikunu soġġetti għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità kif meħtieġa minn dan ir-Regolament sa fejn ikunu kkonċernati r-rekwiżiti essenzjali ta' dan ir-Regolament.*

*Emenda*

*imħassar*

## Emenda 68

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-makkinarju u l-prodotti relatati li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament [proposta għal Regolament

*Emenda*

Il-makkinarju u l-prodotti relatati li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament [proposta għal Regolament

dwar il-Makkinarju] li huma prodotti b'elementi digitaali skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament u li għalihom tkun inħarġet dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE abbażi ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu li huma konformi mar-rekwiżiti essenzjali f'dak li jikkonċerna s-saħħa u s-sikurezza stabbiliti fl-Anness [l-Anness III, it-Taqsimiet 1.1.9 u 1.2.1] tar-Regolament [proposta għal Regolament dwar il-Makkinarju], fir-rigward tal-protezzjoni kontra l-korruzzjoni u tas-sikurezza u l-affidabbiltà tas-sistemi ta' kontroll, u sa fejn il-ksib tal-livell ta' protezzjoni meħtieġ minn dawk ir-rekwiżiti jintwera fid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE maħruġa skont dan ir-Regolament.

dwar il-Makkinarju] li huma prodotti b'elementi digitaali **jew prodotti parjalment kompluti** skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament u li għalihom tkun inħarġet dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE abbażi ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu li huma konformi mar-rekwiżiti essenzjali f'dak li jikkonċerna s-saħħa u s-sikurezza stabbiliti fl-Anness [l-Anness III, it-Taqsimiet 1.1.9 u 1.2.1] tar-Regolament [proposta għal Regolament dwar il-Makkinarju], fir-rigward tal-protezzjoni kontra l-korruzzjoni u tas-sikurezza u l-affidabbiltà tas-sistemi ta' kontroll, u sa fejn il-ksib tal-livell ta' protezzjoni meħtieġ minn dawk ir-rekwiżiti jintwera fid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE maħruġa skont dan ir-Regolament.

## Emenda 69

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu -1 (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**-1. Il-manifatturi tas-software li jikkwaliftikaw bħala mikrointrapriża kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE għandhom jagħmlu l-aħjar sforzi biex jikkonformaw mar-rekwiżiti f'dan ir-Regolament matul is-sitt xhur mill-introduzzjoni ta' software fis-suq. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal prodotti kritiċi ħafna b'elementi digitaali.**

## Emenda 70

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Meta jintroduċu prodott b'elementi digitaali fis-suq, il-manifatturi għandhom

1. Meta jintroduċu prodott b'elementi digitaali fis-suq, il-manifatturi għandhom

jiżguraw li dan ikun ġie ddisinjat, żviluppat u **prodott** f'konformità mar-rekwiżiti essenziali stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Anness I.

jiżguraw li dan ikun ġie ddisinjat, żviluppat u **manifatturat** f'konformità mar-rekwiżiti essenziali stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Anness I.

## Emenda 71

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 4

*Test propos mill-Kummissjoni*

4. Għall-finijiet tal-konformità mal-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1, il-manifatturi għandhom jeżerċitaw diliġenza dovuta meta jintegraw komponenti miksuba minn partijiet terzi fi prodotti b'elementi diġitali. **Huma għandhom** jiżguraw li tali komponenti ma jfixklux is-sigurtà tal-prodott b'elementi diġitali.

*Emenda*

4. Għall-finijiet tal-konformità mal-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1, il-manifatturi għandhom jeżerċitaw diliġenza dovuta meta jintegraw komponenti miksuba minn partijiet terzi fi prodotti b'elementi diġitali. **Huwa kompitu tal-manifatturi li** jiżguraw li tali komponenti ma jfixklux is-sigurtà tal-prodott b'elementi diġitali.

## Emenda 72

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġidid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a. Il-manifatturi tal-komponenti għandhom jipprovdu l-informazzjoni u dokumentazzjoni meħtieġa biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, meta jipprovdu tali komponenti lill-manifattur tal-prodotti lesti. Din l-informazzjoni għandha tingħata mingħajr ħlas.**

## Emenda 73

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

*Test proposet mill-Kummissjoni*

Meta jintroduċu prodott b'elementi diġitali fis-suq, u għat-tul tal-ħajja mistenni tal-prodott jew għal perjodu ta' ħames snin mill-introduzzjoni tal-prodott fis-suq, skont liema jkun ***I-iqsar***, il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vulnerabbiltajiet ta' dak il-prodott jiġu ttrattati b'mod effettiv u f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I.

*Emenda*

Meta jintroduċu prodott b'elementi diġitali fis-suq, u għat-tul tal-ħajja mistenni tal-prodott ***fil-mument li dak il-prodott jiġi introdott fis-suq*** jew għal perjodu ta' ħames snin mill-introduzzjoni tal-prodott fis-suq, skont liema jkun ***I-itwal***, il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vulnerabbiltajiet ta' dak il-prodott jiġu ttrattati b'mod effettiv u f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I, ***dment li jkun fil-kontroll tal-manifattur***.

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 7 – subparagraphu 3a (ġdid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Meta jiġu implementati aġġornamenti tas-software, il-manifattur ma għandux iku meħtieġ li jwettaq valutazzjoni tal-konformità oħra tal-prodott b'elementi diġitali, sakemm l-aġġornament tas-software ma jirriżultax f'modifika sostanzjali tal-prodott b'elementi diġitali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(31) ta' dan ir-Regolament.***

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 9**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

9. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li jkun hemm proċeduri fis-seħħi sabiex il-prodotti b'elementi diġitali li jkunu parti minn serje ta' produzzjoni jibqgħu konformi. Il-manifattur għandu jqis b'mod adegwat il-bidliet fil-proċess tal-iżvilupp u

9. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li jkun hemm proċeduri fis-seħħi sabiex il-prodotti b'elementi diġitali li jkunu parti minn serje ta' produzzjoni jibqgħu konformi. Il-manifattur għandu jqis b'mod adegwat il-bidliet fil-proċess tal-iżvilupp u

tal-produzzjoni jew fid-disinn jew fil-karatteristiċi tal-prodott b'elementi diġitali u l-bidliet fl-standards armonizzati, l-iskemi Ewropej taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 19 li b'referenza għalihom tīgħi ddikjarata l-konformità tal-prodott b'elementi diġitali jew li permezz tagħhom tīgħi vverifikata l-konformità tiegħu.

tal-produzzjoni jew fid-disinn jew fil-karatteristiċi tal-prodott b'elementi diġitali u l-bidliet fl-standards armonizzati, l-iskemi Ewropej taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà jew l-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 19 li b'referenza għalihom tīgħi ddikjarata l-konformità tal-prodott b'elementi diġitali jew li permezz tagħhom tīgħi vverifikata l-konformità tiegħu. ***Meta jsiru disponibbli għarfien, tekniki jew standards ġodda li ma kinux disponibbli fil-mument tad-disinn ta' prodott tas-serje, il-manifattur jista' jikkunsidra li jimplimenta tali titjib perjodikament għall-ġenerazzjonijiet futuri tal-prodotti.***

## Emenda 76

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 9a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***9a. Il-manifatturi għandhom jikkomunikaw pubblikament it-tul ta' ħajja mistennija tal-prodott b'mod ċar u li jinfiehem.***

## Emenda 77

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 12

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

12. Mill-introduzzjoni fis-suq u għall-ħajja mistennija tal-prodott jew għal perjodu ta' ħames snin wara ***tl-introduzzjoni*** fis-suq ta' prodott b'elementi diġitali, skont liema jkun ***l-iqsar***, il-manifatturi li jkunu jafu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li l-prodott b'elementi diġitali jew il-proċessi stabbiliti mill-manifattur ma jkunux konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I

12. Mill-introduzzjoni fis-suq u għall-ħajja mistennija tal-prodott jew għal perjodu ta' ħames snin wara ***l-introduzzjoni*** fis-suq ta' prodott b'elementi diġitali, skont liema jkun ***l-itwal***, il-manifatturi li jkunu jafu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li l-prodott b'elementi diġitali jew il-proċessi stabbiliti mill-manifattur ma jkunux konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I

għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-prodott b'elementi digħiġi jew il-proċessi tal-manifattur isiru konformi, jirtiraw jew isejħu lura l-prodott, kif ikun xieraq.

għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-prodott b'elementi diġitali jew il-proċessi tal-manifattur isiru konformi, jirtiraw jew isejħu lura l-prodott, kif ikun xieraq.

## Emenda 78

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-manifattur għandu, mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien **24** siegħa minn meta jsir konxju tagħha, jinnotifika lill-ENISA dwar kwalunkwe vulnerabbiltà li tkun qed tiġi sfruttata b'mod attiv fil-prodott b'elementi diġitali. ***In-notifika għandha tinkludi dettalji dwar dik il-vulnerabbiltà u, fejn applikabbli, kwalunkwe miżura korrettiva jew mitiganti meħuda. L-ENISA għandha, mingħajr dewmien żejjed, sakemm għal raġunijiet ġustifikati relatati mar-riskju għaċ-ċibersigurtà, tibgħat in-notifika lis-CSIRT maħtur għall-finijiet ta' divulgazzjoni koordinata tal-vulnerabbiltà f'konformità mal-Artikolu [l-Artikolu X] tad-Direttiva [id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)] tal-Istati Membri kkonċernati malli tirċievi u tinforma lill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq dwar il-vulnerabbiltà notifikata.***

*Emenda*

1. Il-manifattur għandu, mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien **48** siegħa minn meta jsir konxju tagħha, jinnotifika lill-ENISA, ***permezz ta' twissija bikrija***, dwar kwalunkwe vulnerabbiltà li tkun qed tiġi sfruttata b'mod attiv fil-prodott b'elementi diġitali.

## Emenda 79

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a.** *Il-manifattur għandu mingħajr dewmien żejjed minn meta jsir konxju tal-vulnerabbiltà sfruttata b'mod attiv li tinsab fil-prodott b'elementi diġitali*

*jinnotifika wkoll lill-ENISA b'aktar  
dettalji dwar il-vulnerabbiltà sfruttata.*

## Emenda 80

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 11 – paragrafu 1b (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Ib. Il-vulnerabbiltajiet l-oħra kollha li ma jkollhomx impatt sinifikanti fuq is-sigurtà tal-prodott b'elementi diġitali għandhom jiġu nnotifikati lill-ENISA ladarba l-vulnerabbiltà tkun ġiet indirizzata.*

## Emenda 81

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 11 – paragrafu 1c (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Iċ. In-notifika għandha tinkludi dettalji li jikkonċernaw dik il-vulnerabbiltà u, fejn applikabbi, kwalunkwe miżura korrettiva jew mitiganti meħuda u l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji rrakkomandati. L-ENISA għandha, mingħajr dewmien żejjed, sakemm mhux għal raġunijiet ġustifikati relatati mar-riskju għaċ-ċibersigurta, tibgħat in-notifika lis-CSIRT maħtur għall-finijiet ta' divulgazzjoni koordinata tal-vulnerabbiltà f'konformità mal-Artikolu [l-Artikolu X] tad-Direttiva [id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)] tal-Istati Membri kkonċernati malli tirċievi u tinforma immedjatamente lill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq dwar l-eżistenza ta' vulnerabbiltà u fejn applikabbi l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji potenzjali. Meta ma jkunx hemm miżuri korrettivi jew mitiganti disponibbli għal vulnerabbiltà notifikata, l-ENISA għandha tiżgura li l-*

*informazzjoni dwar il-vulnerabbiltà notifikata tiġi kondiviża f'konformità mal-protokolli ta' sigurtà stretti u fuq bażi ta' ħtieġa ta' tagħrif.*

## Emenda 82

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-manifattur għandu, mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każi fi żmien 24 siegħa minn meta jsir konxju tiegħu, jinnotifika lill-ENISA bi kwalunkwe inċident li jkollu impatt fuq is-sigurtà tal-prodott b'elementi diġitali. L-ENISA għandha, mingħajr dewmien żejjed, sakemm għal raġunijiet ġustifikati relatati mar-riskju għaċ-ċibersigurtà, tibgħat in-notifikasi lill-punt uniku ta' kuntatt maħtut f'konformità mal-Artikolu [l-Artikolu X] tad-Direttiva [id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)] tal-Istati Membri kkonċernati u tinforma lill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq dwar l-inċidenti notifikati. In-notifika ta' inċident għandha tinkludi informazzjoni dwar is-severità u l-impatt tal-inċident u, fejn applikabbi, tindika jekk il-manifattur jissuspettax li l-inċident ikun ġie kkawżat minn atti illegali jew malizzjużi jew iqisx li għandu impatt transfruntier.

#### *Emenda*

2. Il-manifattur għandu, mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każi fi żmien 24 siegħa minn meta jsir konxju tiegħu, **permezz ta' twissija bikrija**, jinnotifika lill-ENISA bi kwalunkwe inċident li jkollu impatt sinifikanti fuq is-sigurtà tal-prodott b'elementi diġitali. **Il-manifattur għandu mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każi fi żmien 72 siegħa minn meta jsir konxju tal-inċident sinifikanti relatati mal-prodott b'elementi diġitali jinnotifika wkoll lill-ENISA b'aktar dettalji dwar l-inċident sinifikanti.** L-ENISA għandha, mingħajr dewmien żejjed, sakemm għal raġunijiet ġustifikati relatati mar-riskju għaċ-ċibersigurtà, tibgħat in-notifikasi lill-punt uniku ta' kuntatt maħtut f'konformità mal-Artikolu [l-Artikolu X] tad-Direttiva [id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)] tal-Istati Membri kkonċernati u tinforma **immedjatamente** lill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq dwar l-inċidenti sinifikanti notifikati. In-notifika ta' inċident għandha tinkludi informazzjoni **strettamente neċċessarja biex tagħmel lill-awtorità kompetenti konxja tal-inċident, u fejn relevanti u proporżjonat għar-riskju,** dwar is-severità u l-impatt tal-inċident u, fejn applikabbi, tindika jekk il-manifattur jissuspettax li l-inċident ikun ġie kkawżat minn atti illegali jew malizzjużi jew iqisx li għandu impatt transfruntier. **Is-sempliċi att ta' notifika ma għandux jimponi żieda fir-responsabbilità għall-entità tan-notifika.**

## Emenda 83

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. Operaturi ekonomiċi li huma identifikati wkoll bħala entitajiet esenzjali jew entitajiet importanti taħt l-NIS2 u li jissottomettu n-notifika tal-inċidenti tagħhom skont l-NIS2 għandhom jitqiesu konformi mar-rekwiżiti fil-punt 2 ta' dan l-Artikolu.*

## Emenda 84

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. L-ENISA għandha tissottometti lin-Network Ewropew ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet (EU-CyCLONe) stabbilit mill-Artikolu [l-Artikolu X] tad-Direttiva [id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)] informazzjoni notifikata skont il-paragrafi 1 u 2 jekk tali informazzjoni tkun rilevanti għall-ġestjoni koordinata ta' inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira f'livell operazzjonali.

3. L-ENISA għandha tissottometti lin-Network Ewropew ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet (EU-CyCLONe) stabbilit mill-Artikolu [l-Artikolu X] tad-Direttiva [id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)] informazzjoni notifikata skont il-paragrafi 1 u 2 jekk tali informazzjoni tkun rilevanti għall-ġestjoni koordinata ta' inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà **sinifikanti** fuq skala kbira f'livell operazzjonali.

## Emenda 85

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. Il-manifattur għandu jinforma, mingħajr dewmien żejjed u wara li jsir konxju minn dan, lill-utenti tal-prodott

4. Il-manifattur għandu jinforma, mingħajr dewmien żejjed u wara li jsir konxju minn dan, lill-utenti tal-prodott

b'elementi diġitali dwar l-inċident u, fejn meħtieġ, dwar ***miżuri korrettivi*** li l-utent jista' jieħu biex itaffi l-impatt tal-inċident.

b'elementi diġitali dwar l-inċident ***sinifikanti, fejn xieraq u jekk aktarx li jkun affettwat minnu,*** u, fejn meħtieġ, dwar ***il-mitigazzjoni tar-riskju u kwalunkwe Miżura korrettiva*** li l-utent jista' jieħu biex itaffi l-impatt tal-inċident ***sinifikanti rigward il-possibbiltà ta' data affettwata u dannu potenzjali.***

## Emenda 86

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***4a. L-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 4 japplikaw matul il-ħajja tal-prodott. Matul il-perjodu mistenni tal-ħajja tal-prodott il-manifattur jipprovdi aġġornamenti tas-sikurezza mingħajr ħlas, li japplikaw biss għal prodotti b'elementi diġitali li għalihom il-manifattur ikun fassal dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament.***

## Emenda 87

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tkompli tispeċifika t-tip ta' informazzjoni, il-format u l-proċedura tan-notifikasi ppreżentati skont il-paragrafi 1 u 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51(2).

5. Il-Kummissjoni, ***wara li tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati u s-CSIRTS***, tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tkompli tispeċifika t-tip ta' informazzjoni, il-format u l-proċedura tan-notifikasi ppreżentati skont il-paragrafi 1 u 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom iqisu l-istandards Ewropej u internazzjonali u għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51(2).

## Emenda 88

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. L-ENISA, abbażi tan-notifiki riċevuti skont il-paragrafi 1 u 2, għandha tħejji rapport tekniku biennali dwar ix-xejriet emerġenti rigward ir-riskji għaċċiċ bersigurta fi prodotti b'elementi diġitali u tippreżentah lill-Grupp ta' Kooperazzjoni msemmi fl-Artikolu **[I-Artikolu X]** tad-Direttiva **[id-Direttiva XXX/XXXX (NIS2)]**. L-ewwel rapport bħal dan għandu jiġi ppreżentat fi żmien 24 xahar wara li l-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 jibdew japplikaw.

*Emenda*

6. L-ENISA, abbażi tan-notifiki riċevuti skont il-paragrafi 1 u 2, għandha tħejji rapport tekniku biennali dwar ix-xejriet emerġenti rigward ir-riskji għaċċiċ bersigurta fi prodotti b'elementi diġitali u tippreżentah lill-Grupp ta' Kooperazzjoni msemmi fl-Artikolu **I4** tad-Direttiva (UE) **2022/2555**. L-ewwel rapport bħal dan għandu jiġi ppreżentat fi żmien 24 xahar wara li l-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 jibdew japplikaw.

## Emenda 89

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

7. Il-manifatturi għandhom, malli jidtekkaw vulnerabbiltà f'komponent, inkluż f'komponent ta' sors miftuħ, li jkun integrat fil-prodott b'elementi diġitali, jirrapportaw il-vulnerabbiltà lill-persuna jew lill-entità li twettaq il-manutenzjoni tal-komponent.

*Emenda*

7. Il-manifatturi għandhom, malli jidtekkaw vulnerabbiltà f'komponent, inkluż f'komponent ta' sors miftuħ, li jkun integrat fil-prodott b'elementi diġitali, jirrapportaw il-vulnerabbiltà **u l-miżura korrettiva jew mitiganti meħuda**, lill-persuna jew lill-entità li twettaq il-manutenzjoni tal-komponent. **Dan ma jeħlisx lill-manifattur mill-obbligu li jżomm il-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, u lanqas ma joħloq obbligi għall-iżviluppaturi ta' komponenti liberi u b'sors miftuħ li ma jkollhom l-ebda relazzjoni kuntrattwali mat-tali manifattur.**

## Emenda 90

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – parti introduttora**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompli spċifikati fil-mandat li jkun irċieva mingħand il-manifattur. Il-mandat għandu jippermetti lir-rappreżentant awtorizzat biex minn tal-anqas jagħmel dan li ġej:

*Emenda*

3. Rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompli spċifikati fil-mandat li jkun irċieva mingħand il-manifattur.  
**Għandu jgħaddi kopja tal-mandat lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq f'każ li tintalab.** Il-mandat għandu jippermetti lir-rappreżentant awtorizzat biex minn tal-anqas jagħmel dan li ġej:

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(aa) meta r-rappreżentant awtorizzat ikollu raġuni biex jemmen li prodott b'elementi diġitali inkwistjoni jippreżenta riskju taċ-ċibersigurtà, għandu jinforma lill-manifattur;

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) fuq talba motivata minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq, jiaprovdil lil dik l-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex **tiġi ppruvata** l-konformità tal-prodott b'elementi diġitali;

(b) fuq talba motivata minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq, jiaprovdil lil dik l-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex **jiġu ppruvati s-sikurezza u** l-konformità tal-prodott b'elementi diġitali **b'lingwa li tista' tinfiehem faċilment minn dik l-awtorità;**

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) jikkoopera mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, fuq talba tagħhom, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati **r-riskji** maħluqa minn prodott b'elementi digħi li kopert mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat.

*Emenda*

(c) jikkoopera mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, fuq talba tagħhom, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati **b'mod effettiv ir-riskji** maħluqa minn prodott b'elementi digħi li kopert mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat.

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) id-dokumenti kollha li jagħtu prova li r-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-artikolu ġew issodisfati ġew riċevuti mingħand il-manifattur u jkunu disponibbli għall-ispezzjoni għal perjodu ta' 10 snin.*

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 13 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Meta importatur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li prodott b'elementi diġitali jew il-proċessi stabbiliti mill-manifattur ma jkunux konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I, l-importatur ma għandux iqiegħed il-prodott fis-suq sakemm dak il-prodott jew il-proċessi stabbiliti mill-manifattur isiru konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I. Barra minn hekk, meta l-prodott b'elementi digħi li jippreżenta riskju sinifikanti għaċ-ċibersigurtà, l-importatur għandu jinforma lill-manifattur

3. Meta importatur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen, **abbażi tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħi**, li prodott b'elementi diġitali jew il-proċessi stabbiliti mill-manifattur ma jkunux konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I, l-importatur ma għandux iqiegħed il-prodott fis-suq sakemm dak il-prodott jew il-proċessi stabbiliti mill-manifattur isiru konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I. Barra minn hekk, meta l-prodott b'elementi digħi li jippreżenta riskju sinifikanti għaċ-

u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar dan.

ċibersigurtà, l-importatur għandu jinforma lill-manifattur u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar dan.

## Emenda 96

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku fejn jistgħu jiġu kkuntattjati fuq il-prodott b'elementi diġitali jew, fejn dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-prodott b'elementi diġitali. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu b'lingwa li tintiehem faċilment mill-utenti u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

#### *Emenda*

4. L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rregnistrat jew it-trademark irreġistrata **tagħhom**, l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku fejn jistgħu jiġu kkuntattjati fuq il-prodott b'elementi diġitali jew, fejn dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-prodott b'elementi diġitali. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu b'lingwa li tintiehem faċilment mill-utenti u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

## Emenda 97

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Importaturi li jafu jew li għandhom raġuni biex jemmnu li prodott b'elementi diġitali, li jkunu introduċew fis-suq, jew il-proċessi stabbiliti mill-manifattur tiegħu, ma jkunux konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-prodott b'elementi diġitali jew il-proċessi stabbiliti mill-manifattur tiegħu isiru konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I, jew li jirtiraw jew isejħu lura l-prodott, jekk ikun xieraq.

#### *Emenda*

Importaturi li jafu jew li għandhom raġuni biex jemmnu li prodott b'elementi diġitali, li jkunu introduċew fis-suq, jew il-proċessi stabbiliti mill-manifattur tiegħu, ma jkunux konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-prodott b'elementi diġitali jew il-proċessi stabbiliti mill-manifattur tiegħu isiru konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I, jew li jirtiraw jew isejħu lura l-prodott, jekk ikun xieraq. **Abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju, id-distributuri u l-utenti finali għandhom jiġu informati fil-ħin dwar in-nuqqas ta' konformità u l-**

*miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li jistgħu jieħdu.*

## Emenda 98

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) irċeview mill-manifattur jew mill-importatur l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa minn dan ir-regolament.*

## Emenda 99

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 16 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Persuna fiżika jew ġuridika, għajr il-manifattur, l-importatur jew id-distributur, li twettaq modifika sostanzjali tal-prodott b'elementi diġitali għandha titqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Persuna fiżika jew ġuridika, għajr il-manifattur, l-importatur jew id-distributur, li **matul l-attività professionali** twettaq modifika sostanzjali tal-prodott b'elementi diġitali **u tagħmel il-prodott disponibbli fis-suq** għandha titqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 100

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Il-Kummissjoni għandha, kif previst fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, titlob lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex jabbozzaw standards armonizzati għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I.*

## Emenda 101

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*4a. F'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament 1025/2012, meta tkun qed tipprepara t-talba ta' standardizzazzjoni għal prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha timmira għal armonizzazzjoni massima ma' standards internazzjonali eżistenti jew imminenti għaċ-ċibersigurtà. Fl-ewwel tliet snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tiddikjara standard internazzjonali eżistenti bħala li jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, mingħajr ebda modifika Ewropea, dment li l-aderenza ma' dawn l-istandard issahħħah biżżejjed is-sigurta tal-prodotti b'elementi diġitali, u dment li l-istandard jiġi ppubblikat bħala verżjoni separata minn waħda mill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni.*

## Emenda 102

### Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Fejn ma jeżistux standards armonizzati msemmija fl-Artikolu 18 jew fejn il-Kummissjoni tqis li l-istandard armonizzati rilevanti ma humiex biżżejjed biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew biex jikkonformaw mat-talba ta' standardizzazzjoni tal-Kummissjoni, jew meta jkun hemm dewmien bla bżonn fil-proċedura ta' standardizzazzjoni jew meta t-talba għal standards armonizzati mill-Kummissjoni ma tkunx ġiet aċċettata mill-*

*I. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implementazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni li jkopru r-rekwiżiti tekniċi li jipprovd mezz għall-konformità mar-rekwiżiti essenziali tas-sahħha u s-sikurezza stabbiliti fl-Anness I għall-prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati biss meta l-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:*

*Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa, permezz ta' atti ta' implementazzjoni, li tadotta spċifikazzjonijiet komuni fir-rigward tar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I.*  
Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51(2).

- (a) *il-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, tkun talbet lil-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex jabbozzaw standard armonizzat għar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I u:*
- (i) *it-talba ma tkunx ġiet aċċettata; jew*
  - (ii) *l-istandardi armonizzati li jindirizzaw dik it-talba ma jintbagħtux sal-iskadenza stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; jew*
  - (iii) *l-istandardi armonizzati ma jkunux konformi mat-talba; u*
- (b) *ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandardi armonizzati li jkopru r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) 1025/2012 u l-ebda referenza bħal din ma tkun mistennja li tiġi ppubblikata fi żmien raġonevoli.*  
Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(3).

### Emenda 103

**Proposta għal regolament  
Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Qabel ma tħejji l-abbozz ta' att ta' implementazzjoni msemmi fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kunitat imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 1025/2012 li hija tqis li l-kundizzjonijiet fil-paragrafu 3 ġew issodisfati.*

#### **Emenda 104**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 19 – paragrafu 1b (ġidid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1b. Meta tkun qed tħejji l-abbozz tal-att ta' implementazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis il-fehmiet tal-korpi rilevanti jew tal-grupp ta' esperti u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.*

#### **Emenda 105**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 19 – paragrafu 1c (ġidid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1c. Meta jiġi adottat standard armonizzat minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni u jiġi propost lill-Kummissjoni għall-fini tal-publikazzjoni tar-referenza tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-istandard armonizzat f'konformità mar-Regolament (UE) 1025/2012. Meta r-referenza ta' standard armonizzat tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tħassar l-atti ta'*

*implementazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jew partijiet minnhom li jkopru l-istess rekwiżiti bħal dawk koperti minn dak l-istandard armonizzat.*

## Emenda 106

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 19 – paragrafu 1d (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1d. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I, dan għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan billi jissottometti spjegazzjoni dettaljata. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-ispjegazzjoni dettaljata u tista', jekk ikun xieraq, temenda l-att ta' implementazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.*

## Emenda 107

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 20 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandu jkollha l-istruttura tal-mudell stabbilita fl-Anness IV u għandu jkun fiha l-elementi speċifikati fil-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Anness VI. Tali dikjarazzjoni għandha tīgħi aġġornata kontinwament. Din għandha ssir disponibbli ***bil-*lingwa jew *bil-*lingwi meħtieġa mill-Istat Membru li fih il-prodott b'elementi diġitali jiġi introdott fis-suq jew isir disponibbli.**

2. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandu jkollha l-istruttura tal-mudell stabbilita fl-Anness IV u għandu jkun fiha l-elementi speċifikati fil-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Anness VI. Tali dikjarazzjoni għandha tīgħi aġġornata kif xieraq. Din għandha ssir disponibbli ***b'lingwa li tista'* tintiehem faċilment mill-awtoritatiet tal-Istat Membru li fih il-prodott b'elementi diġitali jiġi introdott fis-suq jew isir disponibbli.**

## Emenda 108

**Proposta għal regolament  
Artikolu 20a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 20a***

***Dikjarazzjoni ta' Inkorporazzjoni tal-UE  
għal prodotti parżjalment kompluti  
b'elementi diġitali***

- 1. Id-dikjarazzjoni ta' inkorporazzjoni tal-UE għandha titfassal mill-manifatturi f'konformità mal-Artikolu 10(7) u tiddikjara li l-issodisfar tar-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ikun intwera.***
- 2. Id-dikjarazzjoni tal-inkorporazzjoni tal-UE għandu jkollha l-istruttura tal-mudell stabbilita fl-Anness IVa (ġdid). Tali dikjarazzjoni għandha tiġi aġġornata kif xieraq. Din għandha ssir disponibbli bil-lingwa jew bil-lingwi meħtieġa mill-Istat Membru li fih il-prodott parżjalment komplut b'elementi diġitali jiġi introdott fis-suq jew isir disponibbli.***
- 3. Meta prodott parżjalment komplut b'elementi diġitali jkun soġġett għal aktar minn att wieħed tal-Unjoni li ježi dikjarazzjoni ta' inkorporazzjoni tal-UE, għandha titfassal dikjarazzjoni ta' inkorporazzjoni tal-UE unika fir-rigward ta' dawn l-atti kollha tal-Unjoni. Dik id-dikjarazzjoni għandu jkollha l-identifikazzjoni tal-atti tal-Unjoni kkonċernati, inklużi r-referenzi tal-publikazzjoni tagħhom.***
- 4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi żżid elementi mal-kontenut minimu tad-dikjarazzjoni ta' inkorporazzjoni tal-UE kif stabbilit fl-Anness IVa (ġdid) bil-għan li jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi.***

## Emenda 109

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-markatura CE għandha titwaħħal b'mod viżibbli, leġġibbli u indelibbli mal-prodott b'elementi diġitali. Fejn dan ma jkunx possibbli jew ma jkunx ġustifikat minħabba n-natura tal-prodott b'elementi diġitali, dan għandu jitwaħħal mal-imballaġġ u mad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE msemmija fl-Artikolu 20 li takkumpanja l-prodott b'elementi diġitali. Għal prodotti b'elementi diġitali li jkunu fil-forma ta' software, il-markatura CE għandha titwaħħal jew mad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE msemmija fl-Artikolu 20 jew fuq is-sit web li jakkumpanja l-prodott tas-software.

*Emenda*

1. Il-markatura CE għandha titwaħħal b'mod viżibbli, leġġibbli u indelibbli mal-prodott b'elementi diġitali. Fejn dan ma jkunx possibbli jew ma jkunx ġustifikat minħabba n-natura tal-prodott b'elementi diġitali, dan għandu jitwaħħal mal-imballaġġ u mad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE msemmija fl-Artikolu 20 li takkumpanja l-prodott b'elementi diġitali. Għal prodotti b'elementi diġitali li jkunu fil-forma ta' software, il-markatura CE għandha titwaħħal jew mad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE msemmija fl-Artikolu 20 jew fuq is-sit web li jakkumpanja l-prodott tas-software. ***Fil-każ tal-aħħar, it-taqṣima rilevanti tas-sit web għandha tkun aċċessibbli faċilment u direttamente għall-konsumaturi.***

## Emenda 110

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-markatura CE għandha titwaħħal qabel ma l-prodott b'elementi diġitali jiġi introdott fis-suq. Din tista' tīgi segwita minn pittogramma jew kwalunkwe marka oħra li tindika riskju jew użu speċjali stabbilit fl-atti ta' implementazzjoni msemmija fil-paragrafu 6.

*Emenda*

3. Il-markatura CE għandha titwaħħal qabel ma l-prodott b'elementi diġitali jiġi introdott fis-suq. Din tista' tīgi segwita minn pittogramma jew kwalunkwe marka oħra li tindika ***lill-konsumaturi*** riskju jew użu speċjali stabbilit fl-atti ta' implementazzjoni msemmija fil-paragrafu 6.

## Emenda 111

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 22 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-Istati Membri għandhom jibnu fuq il-mekkaniżmi eżistenti biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tar-reġim li jirregola l-markatura CE u għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa fil-każ ta' użu mhux korrett ta' dik il-markatura. Meta l-prodott b'elementi diġitali jkun soġġett għal leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li wkoll tipprevedi it-twaħħil tal-markatura CE, il-markatura CE għandha tindika li l-prodott jiissodisfa wkoll ir-rekwiżiti ta' dik il-leġiżlazzjoni l-oħra.

*Emenda*

5. L-Istati Membri għandhom jibnu fuq il-mekkaniżmi eżistenti biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta **u armonizzata** tar-reġim li jirregola l-markatura CE u għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa **u kkoordinata** fil-każ ta' użu mhux korrett ta' dik il-markatura. Meta l-prodott b'elementi diġitali jkun soġġett għal leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li wkoll tipprevedi it-twaħħil tal-markatura CE, il-markatura CE għandha tindika li l-prodott jiissodisfa wkoll ir-rekwiżiti ta' dik il-leġiżlazzjoni l-oħra.

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 22 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti **ta' implementazzjoni**, tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għal pittogrammi jew kwalunkwe marka oħra relatata mas-sigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali, u mekkaniżmi biex tippromwovi l-użu tagħhom. Dawk l-atti **ta' implementazzjoni** għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura **ta' eżami** msemmija fl-Artikolu 51(2).

*Emenda*

6. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti **delegati**, tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għal **skemi ta' tikkettar, inklużi tikketti armonizzati**, pittogrammi jew kwalunkwe marka oħra relatata mas-sigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali, u mekkaniżmi biex tippromwovi l-użu tagħhom **fost in-neozji u l-konsumaturi u biex iżżejjid l-għarfien pubbliku dwar is-sigurtà tal-prodotti b'elementi diġitali**. Dawk l-atti **delegati** għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 50.

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 22 – paragrafu 6a (ġdid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*6a. Prodott parzialment komplut b'elementi diġitali ma għandux jiġi mmarkat bil-markatura CE skont dan ir-Regolament mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-immarkar li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni.*

#### **Emenda 114**

##### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – paragrafu 6b (ġidid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*6b. Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida u tiprovd pariri lill-operaturi ekonomiċi, partikolarment dawk li jikkwaliftikaw bħala SMEs, inklużi mikrointrapriżi, dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, il-linji gwida u l-pariri għandhom jimmiraw li jissimplifikaw u jillimitaw il-piżżejjiet amministrattivi u finanzjarji, filwaqt li jiżguraw l-applikazzjoni effettiva u konsistenti ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-objettiv ġenerali li jiġu żgurati s-sikurezza tal-prodotti u l-ħarsien tal-konsumatur. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'għarfien espert fil-qasam taċ-ċibersigurtà.*

#### **Emenda 115**

##### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 23 – paragrafu 2**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tiffassal qabel ma l-prodott b'elementi diġitali jiġi introdott fis-suq u

2. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tiffassal qabel ma l-prodott b'elementi diġitali jiġi introdott fis-suq u

għandha tiġi aġġornata kontinwament, fejn xieraq, matul il-ħajja mistennija tal-prodott jew matul perjodu ta' ħames snin wara l-introduzzjoni fis-suq ta' prodott b'elementi diġitali, skont liema jkun ***l-iqsar***.

għandha tiġi aġġornata kontinwament, fejn xieraq, matul il-ħajja mistennija tal-prodott jew matul perjodu ta' ħames snin wara l-introduzzjoni fis-suq ta' prodott b'elementi diġitali, skont liema jkun ***l-itwal***.

## Emenda 116

### Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Għall-prodotti b'elementi diġitali ***msemmija fl-Artikoli 8 u 24(4)*** li huma wkoll soġġetti għal atti oħra tal-Unjoni, għandha titfassal dokumentazzjoni teknika waħda li jkun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Anness V ta' dan ir-Regolament u l-informazzjoni meħtieġa minn dawk l-atti rispettivi tal-Unjoni.

#### *Emenda*

3. Għall-prodotti b'elementi diġitali li huma wkoll soġġetti għal atti oħra tal-Unjoni, għandha titfassal dokumentazzjoni teknika waħda li jkun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Anness V ta' dan ir-Regolament u l-informazzjoni meħtieġa minn dawk l-atti rispettivi tal-Unjoni.

## Emenda 117

### Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex tissupplimenta dan ir-Regolament bl-elementi li għandhom jiġu inklużi fid-dokumentazzjoni teknika stabbilita fl-Anness V biex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi, kif ukoll l-iżviluppi li wieħed jiltaqa' magħħom fil-proċess ta' implementazzjoni ta' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex tissupplimenta dan ir-Regolament bl-elementi li għandhom jiġu inklużi fid-dokumentazzjoni teknika stabbilita fl-Anness V biex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi, kif ukoll l-iżviluppi li wieħed jiltaqa' magħħom fil-proċess ta' implementazzjoni ta' dan ir-Regolament.

***Il-Kummissjoni għandha tħrisisti biex timminimizza l-piż amministrattiv, speċjalment għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.***

## Emenda 118

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà adottata f'konformità mal-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2019/881.*

**Emenda 119**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 24 – paragrafu 3 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) il-valutazzjoni tal-konformità bbażata fuq assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità (ibbażata fuq il-modulu H) stabilita fl-Anness VI.

(b) il-valutazzjoni tal-konformità bbażata fuq assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità (ibbażata fuq il-modulu H) stabilita fl-Anness VI; *jew*

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 24 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) fejn applikabbi, skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà b'livell ta' assigurazzjoni “sostanzjali” jew “għoli” skont ir-Regolament (UE) 2019/881.*

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 24 – paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*4a. Għal prodotti li għalihom tapplika l-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni bbażata fuq il-Qafas Leġiżlattiv*

*Ġdid, il-manifattur għandu jsegwi l-valutazzjoni tal-konformità rilevanti kif meħtieġ skont dawk l-atti legali. Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu III għandhom japplikaw għal dawk il-prodotti.*

## Emenda 122

### Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-korpi notifikati għandhom iqisu l-interessi u l-ħtiġijiet spċifici tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (*SMEs*) meta jistabbilixxu t-tariffi għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u jnaqqsu dawk it-tariffi b'mod proporzjonat għall-interessi u l-ħtiġijiet spċifici tagħhom.

#### *Emenda*

5. Il-korpi notifikati għandhom iqisu l-interessi u l-ħtiġijiet spċifici tal-intrapriżi **mikro**, żgħar u ta' daqs medju meta jistabbilixxu t-tariffi għall-valutazzjoni tal-konformità u jnaqqsu dawk it-tariffi b'mod proporzjonat għall-interessi u l-ħtiġijiet spċifici tagħhom. *Il-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni biex tiżgura proċeduri aktar aċċessibbli u affordabbi u appoġġ finanzjarju xieraq fil-qafas tal-programmi eżistenti tal-Unjoni, partikolarmen sabiex ittaffi l-piż fuq l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.*

## Emenda 123

### Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 5a (ġidid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

5a. *Għal prodotti b'elementi diġitali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u li jiġu introdotti fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz minn iċċituzzjonijiet ta' kreditu regolati bid-Direttiva 2013/36/UE, il-valutazzjoni tal-konformità għandha titwettaq bħala parti mill-proċedura msemmija fl-Artikoli 97 sa 101 ta' dik id-Direttiva.*

## **Emenda 124**

### **Proposta għal regolament Artikolu 24a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 24a*

*Meta l-prodotti b'elementi diġitali jkollhom hardware jew software ekwivalenti, mudell ta' prodott wieħed jista' jkun rappreżentattiv ta' familja ta' prodotti għall-finijiet tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li ġejjin:*

*(a) il-proċedura ta' kontroll intern (ibbażata fuq il-modulu A) stabilità fl-Anness VI; jew*

*(b) il-proċedura ta' eżami tat-tip tal-UE (ibbażata fuq il-modulu B) stabilità fl-Anness VI, segwita mill-konformità mat-tip tal-UE abbażi tal-kontroll intern tal-produzzjoni (ibbażata fuq il-modulu C) stabilità fl-Anness VI;*

## **Emenda 125**

### **Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. Awtorità ta' notifika għandha tissalvagwardja l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tikseb.

5. Awtorità ta' notifika għandha tissalvagwardja l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni, *inklu zi d-drittijiet tal-proprijetà intellettuali, l-informazzjoni kummerċjali kunkfidenzjali u s-sigrieti kummerċjali* li tikseb.

## **Emenda 126**

### **Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 6a (ġdid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6a. Awtorità ta' notifika għandha timminimizza l-burokrazija u t-tariffi, speċjalment għall-SMEs.**

### **Emenda 127**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 7a (ġidid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7a. L-Istat Membri u l-Kummissjoni għandhom jintroduċu miżuri xierqa biex jiżguraw disponibbiltà suffiċjenti ta' professionisti kwalifikati, sabiex jiġu minimizzati l-konġestjonijiet fl-attivitajiet tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità.**

### **Emenda 128**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 10**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

10. Il-persunal ta' korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu josserva s-segretezza professjonal fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba meta jkun qed iwettaq il-kompliti tiegħu skont l-Anness VI jew skont kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li ddaħħal lil dak l-Anness fis-seħħ, ħlief fir-rigward tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru li fih ikunu qed isiru l-attivitajiet. Id-drittijiet ta' proprijetà għandhom ikunu protetti. Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu proċeduri dokumentati li jiżguraw il-konformità ma' dan il-paragrafu.

10. Il-persunal ta' korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu josserva s-segretezza professjonal fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba meta jkun qed iwettaq il-kompliti tiegħu skont l-Anness VI jew skont kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li ddaħħal lil dak l-Anness fis-seħħ, ħlief fir-rigward tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru li fih ikunu qed isiru l-attivitajiet. Id-drittijiet ta' proprijetà *intellettuali, l-informazzjoni kummerċjali kufidenzjali u s-sigretti kummerċjali* għandhom ikunu protetti. Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu proċeduri dokumentati li jiżguraw il-konformità ma' dan il-paragrafu.

## Emenda 129

### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 12

*Test propost mill-Kummissjoni*

12. Korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom joperaw f'konformità ma' sett ta' termini u kundizzjonijiet konsistenti, ġusti u raġonevoli, filwaqt li jqisu l-interessi *tal-SMEs* b'rabta mat-tariffi.

*Emenda*

12. Korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom joperaw f'konformità ma' sett ta' termini u kundizzjonijiet konsistenti, ġusti u raġonevoli **f'konformità mal-Artikolu 37(2)**, filwaqt li **b'mod partikolari** jqisu l-interessi *tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju* b'rabta mat-tariffi.

## Emenda 130

### Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni **sensittiva** kollha miksuba matul l-investigazzjonijiet tagħha tiġi trattata b'mod kunfidenzjali.

*Emenda*

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni kollha, **inklużi Id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, l-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali u s-sigrieti kummerċjali**, miksuba matul l-investigazzjonijiet tagħha tiġi trattata b'mod kunfidenzjali.

## Emenda 131

### Proposta għal regolament Artikolu 37 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-valutazzjonijiet tal-konformità għandhom jitwettqu b'mod proporzjonat, **u jevitaw li joħolqu** piżżejjiet bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi. Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom iwettqu l-attivitajiet tagħhom billi jqisu d-daqs tal-impriża, is-settur li topera fih, l-

*Emenda*

2. Il-valutazzjonijiet tal-konformità għandhom jitwettqu b'mod proporzjonat, **billi jiġu evitati** piżżejjiet bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi, **b'kunsiderazzjonijiet speċjali għall-SMEs**. Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom iwettqu l-attivitajiet tagħhom billi jqisu d-

istruttura tagħha, il-livell ta' kumplessità ***tat-teknoloġija tal-prodott ikkonċernat u n-natura tal-massa jew tas-serje tal-proċess ta'*** produzzjoni.

daqs tal-impriżza, is-settur li topera fih, l-istruttura tagħha, il-livell ta' kumplessità ***u l-iskopertura għar-riskju tat-tip ta' prodott u tat-teknoloġija kkonċernati u n-natura tal-massa jew tas-serje tal-proċess ta'*** produzzjoni.

### Emenda 132

#### Proposta għal regolament Artikolu 37 – paragrafu 5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Meta, waqt li jkun qiegħed isir monitoraġġ tal-konformità wara l-ħruġ ta' ċertifikat, korp notifikat isib li prodott ma jkunx għadu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, huwa għandu jesiġi li l-manifattur jieħu miżuri korrettivi xierqa u għandu jissospendi jew jirtira ċ-ċertifikat tiegħu jekk ikun meħtieġ.

##### *Emenda*

5. Meta, waqt li jkun qiegħed isir monitoraġġ tal-konformità wara l-ħruġ ta' ċertifikat, korp notifikat isib li prodott ma jkunx għadu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, huwa għandu jesiġi li l-manifattur jieħu miżuri korrettivi xierqa u għandu ***jirrestrinġi***, jissospendi jew jirtira ċ-ċertifikat tiegħu jekk ikun meħtieġ.

### Emenda 133

#### Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġu stabbiliti koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa bejn il-korpi notifikati u li dawn jitħaddmu kif xieraq f'forma ta' grupp transsettōrjali ta' korpi notifikati.

##### *Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġu stabbiliti koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa bejn il-korpi notifikati, ***filwaqt li titqies il-ħtieġa li l-burokrazija u t-tariffi jitnaqqsu***, u li dawn jitħaddmu kif xieraq f'forma ta' grupp transsettōrjali ta' korpi notifikati.

### Emenda 134

#### Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 2

*Test proposet mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi notifikati minnhom jieħdu sehem fil-ħidma ta' dak il-grupp b'mod dirett jew permezz ta' rappreżentanti ddeżinjati.

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi notifikati minnhom jieħdu sehem fil-ħidma ta' dak il-grupp b'mod dirett jew permezz ta' rappreżentanti ddeżinjati, *filwaqt li titqies il-ħtieġa li l-burokrazija u t-tariffi jitnaqqsu.*

**Emenda 135**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 41 – paragrafu 3**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

3. Fejn rilevanti, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet nazzjonali responsabbi għaċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà maħtura skont l-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2019/881 u jiskambjaw informazzjoni fuq bażi regolari. Firrigward tas-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-obbligi ta' rapportar skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet maħtura tas-sorveljanza tas-suq għandhom jikkooperaw mal-ENISA.

*Emenda*

3. Fejn rilevanti, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet nazzjonali responsabbi għaċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà maħtura skont l-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2019/881 u jiskambjaw informazzjoni fuq bażi regolari. Firrigward tas-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-obbligi ta' rapportar skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet maħtura tas-sorveljanza tas-suq għandhom jikkooperaw b'mod effettiv mal-ENISA. *L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jitolbu lill-ENISA tipprovd pariri tekniċi dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament, inkluż waqt investigazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 43 meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jitolbu lill-ENISA tipprovd evalwazzjonijiet mhux vinkolanti tal-konformità ta' prodotti b'elementi diġitali.*

**Emenda 136**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 41 – paragrafu 7**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

7. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iskambju ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq maħtura.

*Emenda*

7. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iskambju ***regolari u strutturat*** ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq maħtura, ***inkluż permezz ta' grupp ta' kooperazzjoni amministrattiva (ADCO) dedikat stabbilit skont il-paragrafu 11 ta' dan l-Artikolu.***

**Emenda 137**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 41 – paragrafu 8**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

8. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jipprovd u pariri lill-operaturi ekonomiċi dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.***

*Emenda*

8. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida u *tiprovd* pariri lill-operaturi ekonomiċi, partikolarment dawk li jikkwaliftikaw bħala SMEs, inklużi l-mikrointrapriżi, dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, il-linji gwida u l-pariri għandhom jimmiraw li jissimplifikaw u jillimitaw il-piż amministrattiv, filwaqt li jiżguraw l-applikazzjoni effettiva u konsistenti f'konformità mal-objettiv ġenerali li jiġu żgurati s-sikurezza tal-prodotti u l-ħarsien tal-konsumatur.***

**Emenda 138**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 41 – paragrafu 8a (ġdid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

8a. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom ikunu mgħammra biex jirċievu lmenti f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament 2019/1020 minn konsumaturi anki billi jistabbilixxu mekkaniżmi ċar u aċċessibbli biex jiffaċilitaw ir-rapportar volontarju ta'***

*vulnerabbiltajiet, inċidenti u theddid ċibernetiku.*

## Emenda 139

### Proposta għal regolament Artikolu 41 – paragrafu 11

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

11. Għandu jiġi stabbilit Grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva (ADCO) dedikat għall-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) 2019/1020. Dan l-ADCO għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq maħtura u, jekk xieraq, rappreżentanti tal-ufficċċi uniċi ta' kollegament.

#### *Emenda*

11. Għandu jiġi stabbilit Grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva (ADCO) dedikat għall-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament, **biex jiffaċilita l-kooperazzjoni strutturata fir-rigward tal-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament u biex jissimplifika l-prattiki tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fl-Unjoni**, skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) 2019/1020. Dan l-ADCO għandu **jkollu, b'mod partikolari, il-kompeti msemmija fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) 2019/1020 u għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq maħtura, l-ENISA u, jekk xieraq, rappreżentanti tal-ufficċċi uniċi ta' kollegament. L-ADCO għandu jiltaqa' f'intervalli regolari u, fejn meħtieġ, fuq talba debitament iġġustifikata tal-Kummissjoni jew tal-ENISA jew ta' Stat Membru u għandu jikkordina l-azzjoni tiegħi ma' attivitajiet eżistenti oħra tal-Unjoni relatati mas-sorveljanza tas-suq u s-sikurezza tal-konsumatur u, fejn rilevanti, għandu jikkopera u jiskambja informazzjoni ma' networks, gruppi u korpi oħra tal-Unjoni. L-ADCO jista' jistieden esperti u partijiet terzi oħra, inklużi organizzazzjonijiet tal-konsumatur, biex jattendu l-laqgħat tiegħi.**

## Emenda 140

**Proposta għal regolament  
Artikolu 41 – paragrafu 11a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*11a. Għal prodotti b'elementi diġitali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, imqassma, imqiegħda f-is-servizz jew użati minn istituzzjonijiet finanzjarji regolati mil-leġiżlazzjoni rilevantī tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandha tkun l-awtorità rilevantī responsabbi għas-sorveljanza finanzjarja ta' dawk l-iċċiżzjonijiet taħt dik il-leġiżlazzjoni.*

**Emenda 141**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 42 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Fejn ikun meħtieġ biex tiġi vvalutata l-konformità tal-prodotti b'elementi diġitali u l-proċessi stabbiliti mill-manifatturi tagħhom mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I u fuq talba motivata, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jingħataw aċċess għad-data meħtieġa biex jivvalutaw id-disinn, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-immaniġġar tal-vulnerabbiltà ta' tali prodotti, inkluża dokumentazzjoni interna relatata tal-operatur ekonomiku rispettiv.

Fejn ikun meħtieġ biex tiġi vvalutata l-konformità tal-prodotti b'elementi diġitali u l-proċessi stabbiliti mill-manifatturi tagħhom mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I u fuq talba motivata, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jingħataw aċċess għad-data meħtieġa biex jivvalutaw id-disinn, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-immaniġġar tal-vulnerabbiltà ta' tali prodotti, inkluża dokumentazzjoni interna relatata tal-operatur ekonomiku rispettiv. *Fejn xieraq, u f'konformità mal-Artikolu 52(1), il-punt (a), dan għandu jkun f'ambjent sikur u kkontrollat iddeterminat mill-manifattur.*

**Emenda 142**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 43 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

### *Test proposet mill-Kummissjoni*

Meta, matul dik l-evalwazzjoni, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li l-prodott b'elementi diġitali ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, hija għandha mingħajr dewmien tesiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri korrettivi xierqa kollha biex il-prodott isir konformi ma' dawk ir-rekwiżiti, biex il-prodott jirtirah mis-suq jew isejħu lura f'perjodu ta' żmien raġonevoli, skont in-natura tar-riskju, kif jista' jiġi preskrift.

### *Emenda*

Meta, matul dik l-evalwazzjoni, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li l-prodott b'elementi diġitali ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, **jew b'xi mod ieħor jippreżenta theddida għas-sigurtà nazzjonali** hija għandha mingħajr dewmien tesiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri korrettivi xierqa kollha biex il-prodott isir konformi ma' dawk ir-rekwiżiti, biex il-prodott jirtirah mis-suq jew isejħu lura f'perjodu ta' żmien raġonevoli, skont in-natura tar-riskju, kif jista' jiġi preskrift.

*Qabel ma titwettaq l-evalwazzjoni msemmija hawn fuq, jekk ikun meħtieġ, b'kont meħud tas-sinifikat tar-riskju taċ-ċibersigurtà, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq tista' titlob lill-operatur rilevanti biex immedjatamente jissospendi jew jirrestrinġi d-disponibbiltà tal-prodott fis-suq għall-perjodu tal-evalwazzjoni msemmija hawn fuq.*

### **Emenda 143**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 43 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

### *Test proposet mill-Kummissjoni*

Meta l-manifattur ta' prodott b'elementi diġitali ma jiħux azzjoni korrettiva adegwata fil-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq għandha tieħu l-miżuri proviżorji xierqa kollha sabiex tipprobixxi jew trażżan milli dak il-prodott sir disponibbli fis-suq nazzjonali tagħha, jiġi rtirat mis-suq jew jisnejja lura.

### *Emenda*

Meta l-manifattur ta' prodott b'elementi diġitali ma jiħux azzjoni korrettiva adegwata fil-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, **jew l-awtorità rilevanti tal-Istati Membri jqisu li l-prodott jippreżenta theddida għas-sigurtà nazzjonali**, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq għandha tieħu l-miżuri proviżorji xierqa kollha sabiex tipprobixxi jew trażżan milli dak il-prodott sir disponibbli fis-suq nazzjonali tagħha, jiġi rtirat mis-suq jew jisnejja lura.

## Emenda 144

### Proposta għal regolament Artikolu 45 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta l-Kummissjoni jkollha raġunijiet suffiċjenti biex tikkunsidra, fosthom abbażi tal-informazzjoni pprovdua **mill-ENISA**, li prodott b'elementi diġitali li jippreżenta riskju sinifikanti għaċ-ċibersigurtà ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, **tista'** titlob lill-awtoritajiet rilevanti tas-sorveljanza tas-suq iwettqu evalwazzjoni tal-konformità u jsegwu l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 43.

*Emenda*

1. Meta l-Kummissjoni jkollha raġunijiet suffiċjenti biex tikkunsidra, fosthom abbażi tal-informazzjoni pprovdua **mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, it-timijiet ta' reazzjoni għall-inċidenti tas-sigurtà tal-kompjuter (CSIRTs) maħtura jew stabbiliti skont id-Direttiva (UE) 2022/2555 jew l-ENISA**, li prodott b'elementi diġitali li jippreżenta riskju sinifikanti għaċ-ċibersigurtà ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, **għandha** titlob lill-awtoritajiet rilevanti tas-sorveljanza tas-suq iwettqu evalwazzjoni tal-konformità u jsegwu l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 43.

## Emenda 145

### Proposta għal regolament Artikolu 45 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. F'ċirkostanzi **eccēzzjonali** li jiġi jiġi intervent immedjat biex jiġi ppreservat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u meta l-Kummissjoni jkollha raġunijiet **suffiċjenti** biex tqis li l-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 jkun baqa' ma kkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u ma tkun ittieħdet l-ebda miżura effettiva min-naħħa tal-awtoritajiet rilevanti tas-sorveljanza tas-suq, il-Kummissjoni **tista'** titlob lill-ENISA twettaq evalwazzjoni tal-konformità. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtoritajiet tas-sorveljanza rilevanti tas-suq kif xieraq. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-

*Emenda*

2. F'ċirkostanzi li jiġi jiġi intervent immedjat biex jiġi ppreservat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u meta l-Kummissjoni jkollha raġunijiet biex tqis li l-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 jkun baqa' ma kkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u ma tkun ittieħdet l-ebda miżura effettiva min-naħħa tal-awtoritajiet rilevanti tas-sorveljanza tas-suq, il-Kummissjoni **għandha** titlob lill-ENISA twettaq evalwazzjoni tal-konformità. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtoritajiet tas-sorveljanza rilevanti tas-suq kif xieraq. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-

## Emenda 146

### Proposta għal regolament Artikolu 46 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta, wara li tkun wettqet evalwazzjoni skont l-Artikolu 43, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru ssib li għalkemm prodott b'elementi diġitali u l-proċessi stabbiliti mill-manifattur ikunu konformi ma' dan ir-Regolament, dawn jippreżentaw riskju sinifikanti għaċ-ċibersigurtà u, barra minn hekk, jippreżentaw riskju għas-saħħha jew għas-sikurezza tal-persuni, għall-konformità mal-obbligi skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali maħsuba biex jipproteġu d-drittijiet fundamentali, l-awtenticietà **tad-disponibbiltà**, l-integrità jew il-kunfidenzjalità tas-servizzi offruti bl-użu ta' sistema ta' informazzjoni elettronika minn entitajiet essenziali tat-tip imsemmi **fl-Anness I** għad-Direttiva XXX/XXXX (NIS2) jew għal aspetti oħra tal-protezzjoni tal-interess pubbliku, din għandha jirrikjedi li l-operatur rilevanti jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jiżgura li l-prodott b'elementi diġitali u l-proċessi stabbiliti mill-manifattur ikkonċernat, meta jiġu introdotti fis-suq, ma jibqgħux jippreżentaw dak ir-riskju, li jirtiraw il-prodott b'elementi diġitali mis-suq jew li ssejħu lura f'perjodu ta' żmien raġonevoli, proporzjonat man-natura tar-riskju.

*Emenda*

1. Meta, wara li tkun wettqet evalwazzjoni skont l-Artikolu 43, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru ssib li għalkemm prodott b'elementi diġitali u l-proċessi stabbiliti mill-manifattur ikunu konformi ma' dan ir-Regolament, dawn jippreżentaw riskju sinifikanti għaċ-ċibersigurtà u, barra minn hekk, jippreżentaw riskju għas-saħħha jew għas-sikurezza tal-persuni, għall-konformità mal-obbligi skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali maħsuba biex jipproteġu d-drittijiet fundamentali, l-awtenticietà, **id-disponibbiltà**, l-integrità jew il-kunfidenzjalità tas-servizzi offruti bl-użu ta' sistema ta' informazzjoni elettronika minn entitajiet essenziali tat-tip imsemmi **fl-Anness I** għad-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell ġholi komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (id-Direttiva NIS2) jew għal aspetti oħra tal-protezzjoni tal-interess pubbliku, din għandha jirrikjedi li l-operatur **ekonomiku** rilevanti jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jiżgura li l-prodott b'elementi diġitali u l-proċessi stabbiliti mill-manifattur ikkonċernat, meta jiġu introdotti fis-suq, ma jibqgħux jippreżentaw dak ir-riskju, li jirtiraw il-prodott b'elementi diġitali mis-suq jew li ssejħu lura f'perjodu ta' żmien raġonevoli, proporzjonat man-natura tar-riskju.

## **Emenda 147**

### **Proposta għal regolament Artikolu 46 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-manifattur jew operaturi rilevanti oħrajn għandhom jiżguraw li tittieħed azzjoni korrettiva fir-rigward ta' prodotti b'elementi diġitali li huma jkunu qiegħdu disponibbli fis-suq fl-Unjoni kollha fl-iskedta ta' żmien stipulata mill-awtoritā tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru msemmija fil-paragrafu 1.

*Emenda*

2. Il-manifattur jew operaturi **ekonomiċi** rilevanti oħrajn għandhom jiżguraw li tittieħed azzjoni korrettiva fir-rigward ta' prodotti b'elementi diġitali li huma jkunu qiegħdu disponibbli fis-suq fl-Unjoni kollha fl-iskedta ta' żmien stipulata mill-awtoritā tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru msemmija fil-paragrafu 1.

## **Emenda 148**

### **Proposta għal regolament Artikolu 46 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Meta l-Kummissjoni jkollha raġunijiet suffiċċenti biex tikkunsidra, fosthom abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-ENISA, li prodott b'elementi diġitali, għalkemm konformi ma' dan ir-Regolament, jippreżenta r-riskji msemmija fil-paragrafu 1, ***tista'*** titlob lill-awtoritā jew lill-awtoritajiet rilevanti tas-sorveljanza tas-suq biex iwettqu evalwazzjoni tal-konformità u jsegwu l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 43 u fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

*Emenda*

6. Meta l-Kummissjoni jkollha raġunijiet suffiċċenti biex tikkunsidra, fosthom abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-ENISA, li prodott b'elementi diġitali, għalkemm konformi ma' dan ir-Regolament, jippreżenta r-riskji msemmija fil-paragrafu 1, ***għandha*** titlob lill-awtoritā jew lill-awtoritajiet rilevanti tas-sorveljanza tas-suq biex iwettqu evalwazzjoni tal-konformità u jsegwu l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 43 u fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

## **Emenda 149**

### **Proposta għal regolament Artikolu 46 – paragrafu 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

7. F'ċirkostanzi eċċeżżjonali li jiġi jiġġustifikaw intervent immedjat biex jiġi ppreservat il-funzjonament tajjeb tas-suq

*Emenda*

7. F'ċirkostanzi eċċeżżjonali li jiġi jiġġustifikaw intervent immedjat biex jiġi ppreservat il-funzjonament tajjeb tas-suq

intern u meta l-Kummissjoni jkollha raġunijiet suffiċjenti biex tqis li l-prodott imsemmi fil-paragrafu 6 ***ikompli*** jippreżenta r-riskji msemmija fil-paragrafu 1 u ma tkun ittieħdet l-ebda miżura effettiva min-naħħa tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tas-sorveljanza tas-suq, il-Kummissjoni ***tista'*** titlob lill-ENISA biex twettaq evalwazzjoni tar-riskji ppreżentati minn dak il-prodott u għandha t-informa lill-awtoritajiet rilevanti tas-sorveljanza tas-suq kif xieraq. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-ENISA.

intern u meta l-Kummissjoni jkollha raġunijiet suffiċjenti biex tqis li l-prodott imsemmi fil-paragrafu 6 ***jkompli*** jippreżenta r-riskji msemmija fil-paragrafu 1 u ma tkun ittieħdet l-ebda miżura effettiva min-naħħa tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tas-sorveljanza tas-suq, il-Kummissjoni ***għandha*** titlob lill-ENISA biex twettaq evalwazzjoni tar-riskji ppreżentati minn dak il-prodott u għandha t-informa lill-awtoritajiet rilevanti tas-sorveljanza tas-suq kif xieraq. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-ENISA.

## Emenda 150

### Proposta għal regolament Artikolu 48 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ***jistgħu jaqblu*** ma' awtoritajiet rilevanti oħra ***biex iwettqu attivitat jien konġunti*** mmirati biex jiżguraw iċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' prodotti speċifiċi b'elementi diġitali mqiegħda jew magħmula disponibbli fis-suq, b'mod partikolari prodotti li spiss jinstabu li jippreżentaw riskji għaċ-ċibersigurtà.

#### *Emenda*

1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ***għandhom iwettqu regolarment attivitat jien konġunti*** ma' awtoritajiet rilevanti oħra bil-ġhan li jiżguraw iċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' prodotti speċifiċi b'elementi diġitali mqiegħda jew magħmula disponibbli fis-suq, b'mod partikolari prodotti li spiss jinstabu li jippreżentaw riskji għaċ-ċibersigurtà. ***Dawk l-attivitat jien għandhom jinkludu spezzjonijiet fuq prodotti akkwistati taħbi identità ta' kopertura.***

## Emenda 151

### Proposta għal regolament Artikolu 48 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni jew l-ENISA ***jistgħu*** jiproponu attivitat jien konġunti għall-verifika tal-konformità ma' dan ir-

#### *Emenda*

2. Il-Kummissjoni jew l-ENISA ***għandhom*** jiproponu attivitat jien konġunti għall-verifika tal-konformità ma' dan ir-

Regolament li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq abbażi ta' indikazzjonijiet jew informazzjoni ta' nuqqas ta' konformità potenzjali f'diversi Stati Membri ta' prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mar-rekwiżiti stabbiliti minn dan tal-aħħar.

Regolament li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq abbażi ta' indikazzjonijiet jew informazzjoni ta' nuqqas ta' konformità potenzjali f'diversi Stati Membri ta' prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mar-rekwiżiti stabbiliti minn dan tal-aħħar.

## Emenda 152

### Proposta għal regolament Artikolu 49 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq **jistgħu jiddeċiedu li jwettqu** azzjonijiet simultanji kkoordinati ta' kontroll (“sweeps”) ta' prodotti partikolari b'elementi diġitali jew kategoriji tagħhom biex jivverifikaw il-konformità ma' dan ir-Regolament jew biex jidentifikaw ksur ta' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq **għandhom iwettqu regolarment** azzjonijiet simultanji kkoordinati ta' kontroll (“sweeps”) ta' prodotti partikolari b'elementi diġitali jew kategoriji tagħhom biex jivverifikaw il-konformità ma' dan ir-Regolament jew biex jidentifikaw ksur ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 153

### Proposta għal regolament Artikolu 49 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq involuti, is-sweeps għandhom jiġu kkoordinati mill-Kummissjoni. Il-koordinatur tas-sweep **jista'**, fejn xieraq, jagħmel ir-riżultati aggregati disponibbli għall-pubbliku.

#### *Emenda*

2. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq involuti, is-sweeps għandhom jiġu kkoordinati mill-Kummissjoni. Il-koordinatur tas-sweep **għandu**, meta jkun xieraq, jagħmel ir-riżultati aggregati disponibbli għall-pubbliku.

## Emenda 154

### Proposta għal regolament Artikolu 49 – paragrafu 3

*Test proposet mill-Kummissjoni*

3. L-ENISA ***tista'*** tidentifika, hija u twettaq il-kompli tagħha, fosthom abbażi tan-notifikasi li tirċievi skont l-Artikolu 11(1) u (2), il-kategoriji ta' prodotti li għalihom ***jistgħu*** jiġu organizzati s-sweeps. Il-proposta għas-sweeps għandha tīgħi ppreżentata lill-koordinatur potenzjali msemmi fil-paragrafu 2 għall-kunsiderazzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

*Emenda*

3. L-ENISA ***għandha*** tidentifika, hija u twettaq il-kompli tagħha, fosthom abbażi tan-notifikasi li tirċievi skont l-Artikolu 11(1) u (2), il-kategoriji ta' prodotti li għalihom ***għandhom*** jiġu organizzati s-sweeps. Il-proposta għas-sweeps għandha tīgħi ppreżentata lill-koordinatur potenzjali msemmi fil-paragrafu 2 għall-kunsiderazzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

**Emenda 155**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 49 – paragrafu 5**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

5. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ***jistgħu*** jistiednu lill-uffiċjali tal-Kummissjoni, u lil persuni oħra li jakkumpanjawhom awtorizzati mill-Kummissjoni, biex jipparteċipaw fis-sweeps.

*Emenda*

5. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ***għandhom*** jistiednu lill-uffiċjali tal-Kummissjoni, u lil persuni oħra li jakkumpanjawhom awtorizzati mill-Kummissjoni, biex jipparteċipaw fis-sweeps.

**Emenda 156**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 49a (ġdid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 49a*

*Għoti ta' pariri tekniċi*

1. *Il-Kummissjoni għandha taħtar, permezz ta' att ta' implementazzjoni, grupp ta' esperti biex jagħtu pariri tekniċi lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar kwistjonijiet relatati mal-implementazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament. L-att ta' implementazzjoni għandu jispeċifi, fost affarijiet oħra, id-dettalji relatati mal-kompożizzjoni tal-*

*grupp, l-operat tiegħu u r-rimunerazzjoni tal-membri tiegħu. B'mod partikolari, il-grupp ta' esperti għandu jipprovdi evalwazzjonijiet mhux vinkolanti ta' prodotti b'elementi diġitali fuq talba minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq li tkun qed twettaq investigazzjoni skont l-Artikolu 43 u tal-lista ta' prodotti kritiċi b'elementi diġitali stabbiliti fl-Anness II, kif ukoll dwar il-ħtieġa possibbli li tiġi aġġornata dik il-lista.*

**2.** *Il-grupp ta' esperti għandu jikkonsisti minn esperti indipendenti maħtura għal terminu ta' tliet snin li jiġġedded mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-kompetenza xjentifikha jew teknika tagħhom fil-qasam.*

**3.** *Il-Kummissjoni għandha taħtar numru ta' esperti li jittqies biżżejjed biex jiġu ssodisfati l-ħtiġjiet previsti.*

**4.** *Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex timmaniġġja u tipprevjeni kwalunkwe kunflitt ta' interess. Id-Dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-membri tal-grupp ta' esperti għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.*

**5.** *L-esperti maħtura għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom bl-ogħla livell ta' professjonaliżmu, indipendenza, imparzjalitā u oġġettivitā.*

**6.** *Meta jadotta pożizzjonijiet, fehmiet u rapporti, il-grupp ta' esperti għandu jipprova jilħaq kunsens. Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'maġġoranza sempliċi tal-membri tal-grupp.*

## Emenda 157

### Proposta għal regolament Artikolu 53 – paragrafu 1

*Test proposet mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbi għall-ksur minn operaturi ekonomiċi ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu infurzati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbi għall-ksur minn operaturi ekonomiċi ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu infurzati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi **u għandhom iqis u l-ispeċċitajiet tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.**

**Emenda 158**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 53 – paragrafu 6 – punt aa (ġdid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(aa) jekk il-ksur ma jkunx intenzjonat;

**Emenda 159**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 53 – paragrafu 6 – punt b**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) jekk ikunux digħi għew applikati multi amministrattivi **minn** awtoritajiet **oħrajn** tas-sorveljanza tas-suq fuq l-istess operatur għal ksur simili;

(b) jekk ikunux digħi għew applikati multi amministrattivi **mill-istess** awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq **jew minn oħrajn** fuq l-istess operatur għal ksur simili;

**Emenda 160**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 53 – paragrafu 6 – punt c**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) id-daqs u s-sehem mis-suq tal-operatur li jwettaq il-ksur.

(c) id-daqs u s-sehem mis-suq tal-operatur li jwettaq il-ksur, **filwaqt li**

*jitqiesu l-iskala tar-riskji, il-konsegwenzi u l-ispecifitätajiet finanzjarji tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju;*

### Emenda 161

#### Proposta għal regolament

Artikolu 53 – paragrafu 6 – punt ca (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) l-imġiba sussegwenti tal-operatur wara informazzjoni jew għarfien dwar innuqqas ta' konformità rispettiv, inkluż jekk malli jsir konxju tan-nuqqas ta' konformità rispettiv l-operatur ikunx uża l-miżuri korrettivi xierqa kollha, kif ukoll il-miżuri raġonevolment meħtieġa biex jiġu evitati jew minimizzati l-konsegwenzi negattivi potenzjali.*

### Emenda 162

#### Proposta għal regolament

Kapitolo VIIa (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***MIŻURI LI JAPPOĠĠAW L-INNOVAZZJONI***

### Emenda 163

#### Proposta għal regolament

Artikolu 53a (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 53a*

*Ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorji Il-Kummissjoni u l-ENISA jistgħu jistabbilixxu ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja Ewropea bil-parteċipazzjoni volontarja ta'*

*manifatturi ta' prodotti b'elementi diġitali biex:*

*(a) jiġi pprovdut ambjent ikkontrollat li jiffaċilita l-iżvilupp, l-ittestjar u l-validazzjoni tad-disinn, l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' prodotti b'elementi diġitali, qabel l-introduzzjoni tagħhom fis-suq jew it-tqegħid tagħhom fis-servizz skont pjan speċifik;*

*(b) jiġi pprovdut appoġġ prattiku lill-operaturi ekonomiċi, inkluż permezz ta' linji gwida u l-aħjar prattiki biex jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I.*

*(c) jingħata kontribut għal tagħlim regolatorju bbażat fuq l-evidenza.*

#### **Emenda 164**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 54 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Emenda għar-Regolament (UE) 2019/1020

*Emenda*

Emenda għar-Regolament (UE) 2019/1020  
*u d-Direttiva 2020/1828/KE*

#### **Emenda 165**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 1a (ġidid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Fl-Anness I tad-Direttiva 2020/1828/KE, jiżdied il-punt li ġej:*

*“67. [Ir-Regolament XXX]/l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika”.*

#### **Emenda 166**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 54a (ġidid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 54a*

*Ir-Regolament delegat (UE) 2022/30*

*Dan ir-Regolament huwa mfassal b'tali mod li l-prodotti kollha koperti mir-rekwizitti esenzjali stabbiliti fl-Artikolu 3(3), il-punti (d), (e) u (f) tad-Direttiva 2014/53/UE kif deskritti fir-Regolament Delegat (UE) 2022/30 jikkonformaw ma' dan ir-Regolament. Biex tkun iġġenerata ċertezza legali, ir-Regolament Delegat (UE) 2022/30 se-jitħassar meta dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ.*

**Emenda 167**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 57 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Għandu japplika minn [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. *Madankollu, l-Artikolu 11 għandu japplika* minn [12-il xahar wara d-data *tad-dħul fis-seħħ* ta' dan ir-Regolament].

Għandu japplika minn [36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. *Safejn huma kkonċernati prodotti b'elementi kritiċi, il-Kapitoli II, III, V u VII għandhom japplikaw mhux aktar kmieni* minn [20 xahar wara d-data *tal-publikazzjoni tal-istandard armonizzati* ġviluppati taħt ir-rekwizitti tal-istandardizzazzjoni *għall-finijiet* ta' dan ir-Regolament].

*Mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida dwar kif għandhom jiġu applikati r-rekwizitti f'dan ir-Regolament għal prodotti mhux tanġibbli.*

**Emenda 168**

**Proposta għal regolament**  
**Anness 1 – Parti 1 – punt 3 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 10(2) u fejn applikabbli, il-prodotti b'elementi diġitali għandhom:

*Emenda*

(3) Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju **ċibernetiku** msemmija fl-Artikolu 10(2) u fejn applikabbli, il-prodotti b'elementi diġitali għandhom:

**Emenda 169**

**Proposta għal regolament**  
**Anness I – Parti 1 – punt 3 – punt -a (ġidid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(-a) jiġu introdotti fis-suq mingħajr ebda vulnerabbiltà magħrufa li tista' tiġi sfruttata f'apparat jew network estern;**

**Emenda 170**

**Proposta għal regolament**  
**Anness I – Parti 1 – punt 3 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) jiġu kkonsenjati b'konfigurazzjoni sikura b'mod awtomatiku, **inkluża l-possibbiltà li l-prodott jiġi rrisetjtaj għall-istat oriġinali tiegħu;**

(a) jiġu kkonsenjati b'konfigurazzjoni sikura b'mod awtomatiku;

**Emenda 171**

**Proposta għal regolament**  
**Anness I – Parti 1 – punt 3 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) jipproteġu l-kunfidenzjalità tad-data maħżuna, trażmessha jew ipproċessata b'mod ieħor, personali jew ta' tip ieħor, bħal **billi jikkriptaw id-data** rilevanti stazzjonarja jew fi tranżitu b'mekkaniżmi

(c) jipproteġu l-kunfidenzjalità tad-data maħżuna, trażmessha jew ipproċessata b'mod ieħor, personali jew ta' tip ieħor, bħal **permezz ta' kriptaġġ, tokenizzazzjoni, kontrolli ta' kumpens jew protezzjoni**

tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku;

*adegwata oħra ta' data* rilevanti stazzjonarja jew fi tranżitu b'mekkaniżmi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku;

### Emenda 172

#### Proposta għal regolament Anness I – Parti 1 – punt 3 – punt d

*Test propos mill-Kummissjoni*

(d) jipproteġu l-integrità tad-data maħżuna, trażmessha jew ipproċessata b'mod ieħor, personali jew ta' tip ieħor, kmandi, programmi u konfigurazzjoni kontra kwalunkwe manipulazzjoni jew modifika mhux awtorizzata mill-utent, kif ukoll jirrapportaw dwar il-korruzzjonijiet;

*Emenda*

(d) jipproteġu l-integrità tad-data maħżuna, trażmessha jew ipproċessata b'mod ieħor, personali jew ta' tip ieħor, kmandi, programmi u konfigurazzjoni kontra kwalunkwe manipulazzjoni jew modifika mhux awtorizzata mill-utent, kif ukoll jirrapportaw dwar il-korruzzjonijiet **jew aċċess mhux awtorizzat possibbli;**

### Emenda 173

#### Proposta għal regolament Anness I – Parti 1 – punt 3 – punt f

*Test propos mill-Kummissjoni*

(f) jipproteġu d-disponibbiltà ta' funzjonijiet essenziali, inkluża r-reżiljenza kontra l-attakki ta' ċaħda tas-servizzi jew il-mitigazzjoni tagħhom;

*Emenda*

(f) jipproteġu d-disponibbiltà ta' funzjonijiet essenziali **u bażiċi**, inkluża r-reżiljenza kontra l-attakki ta' ċaħda tas-servizzi jew il-mitigazzjoni tagħhom;

### Emenda 174

#### Proposta għal regolament Anness I – Parti 1 – punt 3 – punt i

*Test propos mill-Kummissjoni*

(i) ikunu ddisinjati, żviluppati u prodotti biex jitnaqqas l-impatt ta' inċident bl-użu ta' mekkaniżmi u tekniki xierqa ta' mitigazzjoni tal-isfruttament;

*Emenda*

(i) ikunu ddisinjati, żviluppati u prodotti biex jitnaqqas l-impatt ta' inċident **sinifikanti** bl-użu ta' mekkaniżmi u tekniki xierqa ta' mitigazzjoni tal-isfruttament;

## Emenda 175

### Proposta għal regolament

#### Anness I – Parti 1 – punt 3 – punt j

*Test propost mill-Kummissjoni*

(j) jipprovdu informazzjoni relatata mas-sigurtà billi jirreġistraw u/jew jimmonitorjaw *l-attività* interna rilevanti, inkluż l-aċċess għad-data, is-servizzi jew il-funzjonijiet, jew il-modifika tagħhom;

*Emenda*

(j) jipprovdu informazzjoni relatata mas-sigurtà billi *jipprovdu, fuq talba tal-utent, kapaċitajiet ta' reġistrar* u/jew monitoraġġ, *lokalment jew fil-livell tal-apparat għall-attività* interna rilevanti, inkluż l-aċċess għad-data, is-servizzi jew il-funzjonijiet, jew il-modifika tagħhom;

## Emenda 176

### Proposta għal regolament

#### Anness I – Parti 1 – punt 3 – punt k

*Test propost mill-Kummissjoni*

(k) jiżguraw li l-vulnerabbiltajiet jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' aġġornamenti tas-sigurtà, inkluż, fejn applikabbi, permezz ta' aġġornamenti awtomatiċi u n-notifika ta' aġġornamenti disponibbli lill-utenti.

*Emenda*

(k) jiżguraw li l-vulnerabbiltajiet jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' aġġornamenti tas-sigurtà, inkluż, fejn applikabbi, *separati mill-aġġornamenti tal-funzjonalità u* permezz ta' aġġornamenti awtomatiċi u n-notifika ta' aġġornamenti disponibbli lill-utenti.

## Emenda 177

### Proposta għal regolament

#### Anness I – Parti 1 – punt 3 – punt ka (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ka) ikun iddisinjat, żviluppat u prodott sabiex jippermetti d-diskontinwità sikura tiegħu u r-riċiklaġġ potenzjali meta jasal fit-tmiem taċ-ċiklu tal-ħajja, inkluż billi l-utenti jkunu jistgħu jirtiraw u jneħħu d-data kollha b'mod sikur fuq bażi permanenti.*

## Emenda 178

### Proposta għal regolament

#### Anness I – Parti 2 – paragrafu 1 – punt 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) fir-rigward tar-riskji maħluqa għall-prodotti b'elementi diġitali, jindirizzaw u jsibu soluzzjoni għall-vulnerabbiltajiet mingħajr dewmien, inkluż billi jipprovdu aġġornamenti dwar is-sigurtà;

*Emenda*

(2) fir-rigward tar-riskji maħluqa għall-prodotti b'elementi diġitali, jindirizzaw u jsibu soluzzjoni għall-vulnerabbiltajiet **kritiċi u għoljin** mingħajr dewmien, inkluż billi jipprovdu aġġornamenti dwar is-sigurtà **jew jiddokumentaw ir-raġunijiet għallex il-vulnerabbiltà ma ġietx irrimedjata;**

## Emenda 179

### Proposta għal regolament

#### Anness I – Parti 2 – paragrafu 1 – punt 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) ladarba jkun sar disponibbli aġġornament dwar is-sigurtà, jiżvelaw pubblikament informazzjoni dwar vulnerabbiltajiet fissi, inkluża deskrizzjoni tal-vulnerabbiltajiet, informazzjoni li tippermetti lill-utenti jidentifikaw il-prodott b'elementi diġitali affettwati, l-impatti tal-vulnerabbiltajiet, is-severità u l-informazzjoni tagħhom li jgħinu lill-utenti jsibu soluzzjoni għall-vulnerabbiltajiet;

*Emenda*

(4) ladarba jkun sar disponibbli aġġornament dwar is-sigurtà, jiżvelaw pubblikament **jew skont l-aħjar prattika tal-industrija** informazzjoni dwar vulnerabbiltajiet fissi, inkluża deskrizzjoni tal-vulnerabbiltajiet, informazzjoni li tippermetti lill-utenti jidentifikaw il-prodott b'elementi diġitali affettwati, l-impatti tal-vulnerabbiltajiet, is-severità u l-informazzjoni **ċara u aċċessibbli** tagħhom li jgħinu lill-utenti jsibu soluzzjoni għall-vulnerabbiltajiet;

## Emenda 180

### Proposta għal regolament

#### Anness I – Parti 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(4a) l-informazzjoni dwar ir-riparazzjonijiet u l-vulnerabbiltajiet tiġi kondiviża u żvelata b'mod ikkontrollat,**

*filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji ta' "tnaqqis tal-ħsara" u sigreti kummerċjali permezz ta' żvelar responsabbi tal-vulnerabbiltajiet lill-atturi li jistgħu jaġixxu biex itaffu l-vulnerabbiltà, u li ma ssirx disponibbli pubblikament biex jiġi evitat ir-riskju li jiġu informati involontarjament aggressuri potenzjali;*

## Emenda 181

### Proposta għal regolament

#### Anness I – Parti 2 – paragrafu 1 – punt 7

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) jaħsbu għal mekkaniżmi biex l-aġġornamenti għall-prodotti jiġu distribwiti b'mod sikur b'elementi diġitali biex jiġi żgurat li l-vulnerabbiltajiet li jistgħu jiġu sfruttati jiġu ffissati jew immitigati fil-ħin;

##### *Emenda*

(7) jaħsbu għal mekkaniżmi biex l-aġġornamenti ***tas-sigurtà*** għall-prodotti jiġu distribwiti b'mod sikur b'elementi diġitali biex jiġi żgurat li l-vulnerabbiltajiet li jistgħu jiġu sfruttati jiġu ffissati jew immitigati fil-ħin;

## Emenda 182

### Proposta għal regolament

#### Anness I – Parti 2 – paragrafu 1 – punt 8

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) jiżguraw li, meta jkunu disponibbli software korrettiv ta' sigurtà jew aġġornamenti biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' sigurtà identifikati, dawn jiġu mxerrda mingħajr dewmien u mingħajr ħlas, akkumpanjati minn messaġġi konsultattivi li jipprovdu lill-utenti bl-informazzjoni rilevanti, inkluż dwar azzjoni potenzjali li għandha tittieħed.

##### *Emenda*

(8) jiżguraw li, meta jkunu disponibbli ***b'mod raġonevoli*** software korrettiv ta' sigurtà jew aġġornamenti biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' sigurtà identifikati, ***ikun hemm mezz li bih l-utenti jistgħu jiksbuhom***, dawn jiġu mxerrda mingħajr dewmien u mingħajr ħlas ***jew bi spiża trasparenti u mhux diskriminatorja***, akkumpanjati minn messaġġi konsultattivi li jipprovdu lill-utenti bl-informazzjoni rilevanti, inkluż dwar azzjoni potenzjali li għandha tittieħed.

## Emenda 183

**Proposta għal regolament  
Anness II – paragrafu 1 – punt 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. il-punt ta' kuntatt fejn tista' tīgħi rrapporata u riċevuta informazzjoni dwar il-vulnerabbiltajiet taċ-ċibersigurtà tal-prodott;

*Emenda*

2. il-punt **uniku** ta' kuntatt fejn tista' tīgħi rrapporata u riċevuta informazzjoni dwar il-vulnerabbiltajiet taċ-ċibersigurtà tal-prodott;

**Emenda 184**

**Proposta għal regolament  
Anness II – paragrafu 1 – punt 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. **kwalunkwe ċirkostanza magħrufa jew prevedibbli, relatata mal-użu tal-prodott b'elementi diġitali f'konformità mal-għan maħsub tiegħu jew f'kundizzjonijiet ta' użu ħażin raġonevolment prevedibbli, li tista' twassal għal riskji sinifikanti marbuta maċ-ċibersigurtà;**

*Emenda*

*imħassar*

**Emenda 185**

**Proposta għal regolament  
Anness II – paragrafu 1 – punt 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. jekk u, fejn applikabbli, fejn tista' tīgħi aċċessata l-lista ta' materjali tas-software;

*Emenda*

6. jekk u, fejn applikabbli, fejn tista' tīgħi aċċessata **mill-awtoritajiet kompetenti** l-lista ta' materjali tas-software;

**Emenda 186**

**Proposta għal regolament  
Anness II – paragrafu 1 – punt 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

8. it-tip ta' appoġġ tekniku għas-

*Emenda*

8. it-tip ta' appoġġ tekniku għas-

sigurtà offrut mill-manifattur u sa meta se jiġi pprovdut, ***mill-inqas sa meta l-utenti jistgħu jistennew li jirċievu aġġornamenti dwar is-sigurtà;***

sigurtà offrut mill-manifattur u sa meta se jiġi pprovdut;

### Emenda 187

#### Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***8a. id-data tat-tmiem tal-ħajja mistennija tal-prodott, li tidher b'mod ċar, fejn applikabbli, fuq l-imballaġġ tal-prodott, sa meta l-manifattur għandu jiżgura l-immaniġġjar effettiv tal-vulnerabbiltajiet u l-forniment ta' aġġornamenti tas-sigurtà;***

### Emenda 188

#### Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt 9 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(a) il-miżuri meħtieġa matul l-ikkummissjonar inizjali u matul il-ħajja tal-prodott biex jiġi żgurat l-użu sikurtieghu;***

*imħassar*

### Emenda 189

#### Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt 9 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(b) kif il-bidliet fil-prodott jistgħu jaġefftwaw is-sigurtà tad-data;***

*imħassar*

### Emenda 190

**Proposta għal regolament**

**Anness II – paragrafu 1 – punt 9 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) It-tul ta' ħajja mistenni tal-prodott u sa meta l-manifattur għandu jiżgura l-immaniġġjar effettiv tal-vulnerabbiltajiet u l-forniment ta' aġġornamenti tas-sigurtà;*

**Emenda 191**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – paragrafu 1 – punt 9 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(d) id-dekummissjonar sikur tal-prodott, inkluża informazzjoni dwar kif id-data tal-utent tista' titneħħa b'mod sikur.*

*imħassar*

**Emenda 192**

**Proposta għal regolament**

**Anness III – Parti I – punt 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*3a. Pjattaformi ta' Awtentikazzjoni, Awtorizzazzjoni u Kontabbiltà (AAA);*

**Emenda 193**

**Proposta għal regolament**

**Anness III – Parti I – punt 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

15. Interfaċċi fiżiċċi tan-network;

15. Interfaċċi fiżiċċi **u virtwali** tan-network;

**Emenda 194**

**Proposta għal regolament  
Anness III – Parti I – punt 18**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**18. *Routers, modems maħsuba għall-konnessjoni mal-internet, u swiċċijiet, mhux koperti mill-klassi II;***

*imħassar*

**Emenda 195**

**Proposta għal regolament  
Anness III – Parti I – punt 23**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**23. *Internet Industrijali tal-Oġġetti mhux koperti mill-klassi II.***

**23. *Prodotti industrijali b'elementi diġitali li tista' ssir referenza għalihom bħala parti mill-Internet tal-Oġġetti mhux koperti mill-klassi II.***

**Emenda 196**

**Proposta għal regolament  
Anness III – Parti II – punt 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4. Firewalls, sistemi ta' deteżżjoni tal-intrużjoni u/jew ta' prevenzjoni maħsuba għall-użu industrijali;**

**4. Firewalls, *gateways tas-sigurtà*, sistemi ta' deteżżjoni tal-intrużjoni u/jew ta' prevenzjoni maħsuba għall-użu industrijali;**

**Emenda 197**

**Proposta għal regolament  
Anness III – Parti II – punt 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7. Routers, modems maħsuba għall-konnessjoni mal-internet, *u swiċċijiet, maħsuba għall-użu industrijali;***

**7. Routers, modems maħsuba għall-konnessjoni mal-internet, swiċċijiet, *u nodi tan-network oħrajn li huma meħtieġa għall-forniment tas-servizz ta'***

*konnnettività;*

## **Emenda 198**

### **Proposta għal regolament Anness IVa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### ***ANNESS IVa***

##### ***DIKJARAZZJONI TAL-UE TA' INKORPORAZZJONI GħAL PRODOTTI PARZJALMENT KOMPLUTI B'ELEMENTI DIĠITALI***

*Id-dikjarazzjoni tal-UE ta' inkorporazzjoni għal prodotti parzjalment kompluti b'elementi diġitali msemmija fl-Artikolu 20a għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha li ġejja:*

- 1. L-isem u t-tip u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tippermetti l-identifikazzjoni unika tal-prodott parzjalment komplut b'elementi diġitali;*
- 2. L-iskop tad-dikjarazzjoni (l-identifikazzjoni tal-prodott parzjalment komplut li tippermetti t-träċċabbiltà. Tista' tinkludi ritratt, fejn xieraq);*
- 3. Dikjarazzjoni li l-prodott parzjalment komplut deskrītt hawn fuq ikun f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni rilevanti tal-Unjoni;*
- 4. Referenzi għal kwalunkwe att rilevanti tal-Unjoni kkonċernat, inklużi r-referenzi tal-pubblikazzjoni tagħhom;*
- 5. Informazzjoni addizzjonali:  
Iffirmat għal u f'isem:  
.....  
(post u data tal-ħruġ):  
(isem, funzjoni) (firma):*

## **Emenda 199**

**Proposta għal regolament**  
**Anness V – paragrafu 1 – punt 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- (a) *l-għan maħsub tiegħu;* *imħassar*

**Emenda 200**

**Proposta għal regolament**  
**Anness V – paragrafu 1 – punt 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. *deskrizzjoni tad-disinn, tal-iżvilupp u tal-produzzjoni tal-prodott u tal-proċessi tal-ġestjoni tal-vulnerabbiltà, inklużi:*

(a) *informazzjoni sħiħa dwar id-disinn u l-iżvilupp tal-prodott b'elementi diġitali, inkluż, fejn applikabbli, tpinġijiet u skemi u/jew deskrizzjoni tal-arkitettura tas-sistema li tispjega kif il-komponenti tas-software jibnu fuq xulxin u jintegraw fil-ipproċessar ġenerali, jew jalimentaw lil-xulxin;*

(b) *informazzjoni u speċifikazzjonijiet sħaħ tal-proċessi ta' ġestjoni tal-vulnerabbiltà stabbiliti mill-manifattur, inklużi l-lista ta' materjali tas-software, il-politika ta' divulgazzjoni koordinata tal-vulnerabbiltà, evidenza tal-għoti ta' indirizz ta' kuntatt għar-rappor tar tal-vulnerabbiltajiet u deskrizzjoni tas-soluzzjonijiet tekniċi magħżula għad-distribuzzjoni sigura tal-aġġornamenti;*

(c) *informazzjoni u speċifikazzjonijiet sħaħ tal-proċessi ta' produzzjoni u monitoraġġ tal-prodott b'elementi diġitali u l-validazzjoni ta' dawn il-proċessi.*

**Emenda 201**

**Proposta għal regolament**  
**Anness V – paragrafu 1 – punt 3**

*Test proposi mill-Kummissjoni*

3. valutazzjoni tar-riskji marbuta maċ-ċibersigurtà li l-prodott b'elementi diġitali huwa ddisinjat, żviluppat, prodott, ikkonsenjat u miżmum kif stabbilit fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament;

*Emenda*

3. *dikjarazzjoni jew sommarju tar-riskji taċ-ċibersigurtà li l-prodott b'elementi diġitali huwa ddisinjat, żviluppat, prodott, ikkunsinnat u miżmum fuqhom kif stabbilit fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament u, wara talba motivata minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq, dment li dan ikun meħtieġ biex din l-awtorità tkun tista' tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti essenziali stabiliti fl-Anness I, valutazzjoni dettaljata tar-riskji marbuta maċ-ċibersigurtà li l-prodott b'elementi diġitali huwa ddisinjat, żviluppat, prodott, ikkonsenjat u miżmum kif stabbilit fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament*

**ANNEX: LIST OF ENTITIES OR PERSONS  
FROM WHOM THE RAPPORTEUR HAS RECEIVED INPUT**

The following list is drawn up on a purely voluntary basis under the exclusive responsibility of the rapporteur. The rapporteur has received input from the following entities or persons in the preparation of the draft opinion:

| Entity and/or person                |
|-------------------------------------|
| Apple                               |
| BDI Federation of German Industries |
| BEUC                                |
| BSA The Software Alliance           |
| Confederation of Danish Industries  |
| Digital Europe                      |
| ETNO                                |
| Kaspersky                           |
| Microsoft                           |
| Samsung                             |
| TIC Council                         |
| Xiaomi                              |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

|   |  |              |           |
|---|--|--------------|-----------|
| <b>Titolu</b>   | Ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi digħiġili u emenda tar-Regolament (UE) 2019/1020   |              |           |
| <b>Referenzi</b>  | COM(2022)0454 – C9-0308/2022 – 2022/0272(COD)  |              |           |
| <b>Kumitat responsabbi</b><br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja          | ITRE<br>9.11.2022  |              |           |
| <b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b><br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | IMCO<br>9.11.2022  |              |           |
| <b>Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>            | 20.4.2023  |              |           |
| <b>Rapporteur għal opinjoni</b><br>Data tal-ħatra                           | Morten Løkkegaard<br>16.12.2022  |              |           |
| <b>Eżami fil-kumitat</b>  | 2.3.2023   | 25.4.2023    | 23.5.2023 |
| <b>Data tal-adozzjoni</b>   | 29.6.2023  |              |           |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>                                       | +:<br>-:<br>0:   | 41<br>1<br>0 |           |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>                              | Alex Agius Saliba, Andrus Ansip, Pablo Arias Echeverría, Alessandra Basso, Biljana Borzan, Vlad-Marius Botoş, Anna Cavazzini, Dita Charanzová, Deirdre Clune, David Cormand, Alexandra Geese, Maria Grapini, Svenja Hahn, Krzysztof Hetman, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Arba Kokalari, Katerína Konečná, Andrey Kovatchev, Maria-Manuel Leitão-Marques, Antonius Manders, Beata Mazurek, Leszek Miller, Anne-Sophie Pelletier, Miroslav Radačovský, René Repasi, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Kim Van Sparrentak, Marion Walsmann |              |           |
| <b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>                           | Marco Campomenosi, Maria da Graça Carvalho, Geoffroy Didier, Francisco Guerreiro, Tsvetelina Penkova, Catharina Rinzenma, Kosma Złotowski  |              |           |
| <b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b> | Asger Christensen, Nicolás González Casares, Grzegorz Tobiszowski  |              |           |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

|           |  |
|-----------|--|
| <b>41</b> | <b>+</b>   |
| ECR       | Beata Mazurek, Grzegorz Tobiszowski, Kosma Złotowski   |
| ID        | Alessandra Basso, Marco Campomenosi, Virginie Joron  |
| NI        | Miroslav Radačovský  |
| PPE       | Pablo Arias Echeverría, Maria da Graça Carvalho, Deirdre Clune, Geoffroy Didier, Krzysztof Hetman, Arba Kokalari, Andrey Kovatchev, Antonius Manders, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Marion Walsmann |
| Renew     | Andrus Ansip, Vlad-Marius Botoş, Dita Charanzová, Asger Christensen, Svenja Hahn, Catharina Rinzema  |
| S&D       | Alex Agius Saliba, Biljana Borzan, Nicolás González Casares, Maria Grapini, Maria-Manuel Leitão-Marques, Leszek Miller, Tsvetelina Penkova, René Repasi, Christel Schaldemose  |
| The Left  | Kateřina Konečná, Anne-Sophie Pelletier  |
| Verts/ALE | Anna Cavazzini, David Cormand, Alexandra Geese, Francisco Guerreiro, Kim Van Sparrentak  |

|          |               |
|----------|---------------|
| <b>1</b> | <b>-</b>      |
| ECR      | Eugen Jurzyca |

|          |          |
|----------|----------|
| <b>0</b> | <b>0</b> |
|          |          |

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni